

Rapport Speċjali

L-appoġġ taħt il-Faċilità għall-Enerġija AKP-UE għal enerġija rinnovabbli fl-Afrika tal-Lvant



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: <http://eca.europa.eu>

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

Print	ISBN 978-92-872-3075-1	ISSN 1831-0907	doi:10.2865/18889	QJ-AB-15-014-MT-C
PDF	ISBN 978-92-872-3063-8	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/776495	QJ-AB-15-014-MT-N
EPUB	ISBN 978-92-872-3048-5	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/503064	QJ-AB-15-014-MT-E

© L-Unjoni Ewropea, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni tal-istampa 1, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Printed in Luxembourg

Rapport Speċjali

L-appoġġ taħt il-Faċilità għall-Enerġija AKP–UE għal enerġija rinnovabbli fl-Afrika tal-Lvant

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha, ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla III tal-Awditjar - immexxija mill-Membru tal-QEA Karel Pinxten — li tispeċjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' azzjonijiet esterni. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Klaus-Heiner Lehne, b'appoġġ mill-kap tal-kabinett tiegħu, Michael Weiss; Gérald Locatelli, kap tal-unità; Thierry Cozier, kap tat-tim; Ruurd De Jong, Myriam Cazzaniga u Joao Nuno Coelho dos Santos, awdituri prinċipali u Jean-Louis De Neve, awditur f'livell għoli.

Paragrafu

Glossarju u akronimi

I – VII Sommarju eżekuttiv

1 – 9 Introduzzjoni

1 – 2 L-aċċess għal servizzi tal-enerġija huwa ta' qofol għal progress lejn l-oġjettivi tal-iżvilupp

3 – 9 Il-Faċilità għall-Enerġija AKP-UE nħolqot għal twassil rapidu fuq il-post

10 – 11 Ambitu u approċċ tal-awditjar

12 – 40 Osservazzjonijiet

12 – 19 Il-Kummissjoni pprijoritizzat tajjeb l-appoġġ taħt il-FE, iżda kwart mill-proġetti eżaminati kellhom dgħufijiet serji fit-tfassil

13 – 14 Il-proċess ta' għażla wassal għal proġetti ta' appoġġ f'konformità mal-prijoritajiet tal-FE

15 – 19 Kwart mill-proġetti eżaminati ġew iffinanzjati minkejja li l-proċess ta' valutazzjoni kien identifika dgħufijiet sinifikanti fit-tfassil

20 – 31 Il-Kummissjoni ma mmonitorjatx il-proġetti kollha b'mod xieraq

21 – 25 Il-kwalità tar-rapporti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ma kinitx uniformi

26 – 31 Għal xi proġetti li esperjenzaw diffikultajiet serji fl-implimentazzjoni, il-Kummissjoni ma ħaditx miżuri xierqa u f'waqthom

32 – 40 Il-biċċa l-kbira mill-proġetti eżaminati rnexxew u kellhom prospetti tajbin għas-sostenibbiltà

33 – 36 Kwart mill-proġetti eżaminati ma wasslux il-biċċa l-kbira mir-riżultati mistennija

37 – 40 Kważi l-proġetti kollha li rnexxew li ġew eżaminati kellhom prospetti tajbin għas-sostenibbiltà

41 – 44 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Anness I — Proġetti eżaminati

Anness II — Metodoloġija tal-għoti ta' punteġġi

Anness III — Proġetti tal-EUEI PDF u s-Setturi Fokali tal-11-il FEŻ skont il-pajjiż

Anness IV — Perjodu ta' implimentazzjoni, objettivi u kisbiet tal-proġetti eżaminati

Anness V — Monitoraġġ tal-proġetti eżaminati

Anness VI — Punteġġi mogħtija lill-proġetti eżaminati

Risposta tal-Kummissjoni

AKP: Pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku

DĠ DEVCO: Fi ħdan il-Kummissjoni, id-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp huwa responsabbli:

- għall-formulazzjoni tal-politika tal-UE fil-qasam tal-iżvilupp u għad-definizzjoni ta' politiki settorjali fil-qasam tal-għajjnuna esterna,
- għat-tfassil, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, tal-programmazzjoni pluriennali għall-istrumenti ta' għajjnuna esterna ffinanzjati taħt il-FEŻ u l-baġit ġenerali,
- għall-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti,
- għat-trawwim tal-koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u r-rappreżentazzjoni esterna tal-UE f'dan il-qasam.

EUEI PDF: Faċilità ta' Djalogu u ta' Sħubija tal-Inizjattiva tal-UE għall-Enerġija

Maħluqa fl-2005 mill-Kummissjoni u sitt Stati Membri (l-Awstrija, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja) għat-titjib tal-governanza fis-settur tal-enerġija. Hija tagħmel dan billi tgħin lil pajjiżi sħab jiżviluppaw politiki u strateġiji sodi fil-qasam tal-enerġija.

EUEI: Inizjattiva tal-UE għall-Enerġija għall-Qerda tal-Faqar u l-Iżvilupp Sostenibbli

L-EUEI hija sforz konġunt tal-Kummissjoni u l-Istati Membri li toħloq sinerġiji bejn il-politiki u l-attivitajiet rispettivi tagħhom fil-qasam tal-iżvilupp. L-għan tagħha huwa li tikkontribwixxi għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) billi tippovdi servizzi tal-enerġija adegwati, mhux għaljin u sostenibbli lill-foqra. Hija wkoll parti mir-rispons tal-UE fil-kuntest tal-inizjattiva Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd (SE4All).

FE I: L-Ewwel Faċilità għall-Enerġija ffinanzjata taħt id-9 FEŻ.

FE II: It-Tieni Faċilità għall-Enerġija ffinanzjata taħt l-10 FEŻ.

FE: Faċilità għall-Enerġija AKP-UE

Strument finanzjarju maħluq fl-2005 biex jappoġġa aċċess aħjar għal servizzi tal-enerġija sostenibbli u mhux għaljin, għall-foqra f'żoni rurali u periurbani fil-pajjiżi AKP.

FEŻ: Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

Il-FEŻ huma l-istrument prinċipali għall-forniment ta' għajjnuna tal-UE għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-pajjiżi u territorji extra-Ewropej (PTEE). Il-ftehim ta' sħubija ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena ("il-Ftehim ta' Cotonou") huwa l-qafas attwali għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Istati AKP u l-PTEE. Il-fokus prinċipali tiegħu huwa fuq it-tnaqqis u eventwalment il-qerda tal-faqar. Id-9 FEŻ ikopri l-perjodu 2000-2007 u l-10 FEŻ ikopri l-perjodu 2008-2013.

GIZ: Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit GmbH (Intrapriża Federali Ġermaniża għall-Kooperazzjoni Internazzjonali)

kW: Kilowatt (unità ta' potenza elettrika), 1 kW huwa ekwivalenti għal 1 000 watt

MDGs: Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju

L-MDGs huma tmien għanijiet internazzjonali ta' żvilupp li ġew stabbiliti b'segwitu għas-Summit tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti fis-sena 2000, wara l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti. Dawn ivarjaw mit-tnaqqis bin-nofs tal-faqar u l-ġuħ estremi, sal-kisba ta' edukazzjoni primarja universali u l-iżgurar ta' sostenibbiltà ambjentali. L-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll ħafna organizzazzjonijiet internazzjonali impenjaw lilhom nfushom li jgħinu biex dawn il-miri jinkisbu sal-2015.

MOR: Monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati

Is-sistema MOR ġiet stabbilita mid-DG DEVCO fis-sena 2000. Hija bbażata fuq valutazzjonijiet qosra, ffukati u fuq il-post minn esperti esterni. Hija tuża metodoloġija strutturata u konsistenti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni ta' proġetti b'relazzjoni ma' ħames kriterji: rilevanza, effiċjenza, effettività, impatt politiku u probabbiltà ta' sostenibbiltà.

NGO: Organizzazzjoni Nongovernattiva**NU:** Nazzjonijiet Uniti**OECD:** Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

Il-missjoni tal-OECD hija li tipromwovi politiki li jtejbju l-benessri ekonomiku u soċjali tan-nies madwar id-dinja.

SE4All: Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd

L-inizjattiva tnediet mis-Segretarju Ġenerali tan-NU fl-2011. Hija għandha tliet objettivi interkonnessi li għandhom jintlaħqu sal-2030: (i) li tiżgura l-aċċess universali għal servizzi moderni tal-enerġija, (ii) li tirdoppja r-rata globali ta' titjib fl-effiċjenza fl-enerġija, u (iii) li tirdoppja s-sehem ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita globali.

SMART: Speċifiku, Li Jista' Jitkejjel u Jinkiseb, Rilevanti u Marbut bil-Ħin**WSSD:** Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli

Fil-WSSD tal-2002 li sar f'Johannesburg, l-Afrika t'Isfel, l-iżvilupp sostenibbli ġie affermat mill-ġdid bħala komponent ċentrali tal-aġenda internazzjonali. Firxa wiesgħa ta' miri u impenji ġew maqbula u affermati mill-ġdid mill-gvernijiet. B'mod partikolari, il-WSSD appella għal azzjonijiet biex jiżjed sostanzjalment l-użu ta' enerġija rinnovabbli.

I

Kif kien enfazzat matul is-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'Johannesburg fl-2002 u f'dibatti internazzjonali oħra dwar l-iżvilupp, l-aċċess għal servizzi tal-enerġija huwa ta' qofol għal progress lejn l-oġġettivi tal-iżvilupp. Fl-2004 kważi żewġ biljun persuna, li prinċipalment jgħixu f'żoni rurali u periurbani ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, ma kellhomx aċċess għal servizzi tal-enerġija adegwati, mhux għaljin u sostenibbli.

II

F'Ġunju 2005 l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE approva l-ħolqien tal-Faċilità għall-Enerġija (FE) AKP-UE għall-promozzjoni tal-aċċess għal servizzi moderni tal-enerġija lill-foqra, b'fokus qawwi fuq l-Afrika sub-Saħarjana u l-enerġija rinnovabbli. Għall-perjodu 2006-2013, il-FE ġiet allokata EUR 475 miljun taħt id-9 u l-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, li l-biċċa l-kbira minnhom kienu għal forniment ta' għotjiet għal proġetti magħżula permezz ta' sejħiet għal proposti. Meta l-awditu tagħna beda, kien ingħata total ta' EUR 268.2 miljun taħt l-ewwel żewġ sejħiet għal proposti, li minnu EUR 106 miljun kienu għal proġetti fl-Afrika tal-Lvant, fejn kien hemm ir-rata l-aktar baxxa bil-bosta ta' aċċess għall-elettriku fl-Afrika.

III

Aħna sibna li, fil-biċċa l-kbira, il-Kummissjoni kellha suċċess iżda setgħet għamlet użu aħjar tal-FE biex iżżid l-aċċess għal enerġija rinnovabbli għall-foqra fl-Afrika tal-Lvant.

IV

Il-Kummissjoni allokat appoġġ għal enerġija rinnovabbli lil proġetti li kienu pprijoritizzati tajjeb. Madankollu, rigorożità insuffiċjenti fil-proċess ta' għażla fissret li kwart mill-proġetti eżaminati ngħataw għotja minkejja li ġew identifikati dgħufijiet sinifikanti fit-tfassil.

V

Il-Kummissjoni ma mmonitorjatx il-proġetti kollha b'mod xieraq. Rapporti ppreżentati mill-išhab inkarigati mill-implimentazzjoni ma kinux ta' kwalità uniformi u l-Kummissjoni ma ppruvatx tinforza l-konformità mal-obbligi ta' rappurtar tagħhom. Għal xi proġetti, hija ma għamlitx biżżejjed użu minn żjarat lil proġetti fuq il-post u minn analiżijiet ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati biex tikkomplementa l-informazzjoni pprovduta mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, b'mod partikolari fejn kien magħruf li l-proġetti kienu ffaċċjaw diffikultajiet serji. Għal xi proġetti li esperjenzaw diffikultajiet serji fl-implimentazzjoni, il-Kummissjoni ma ħaditx miżuri xierqa u f'waqthom.

VI

Il-biċċa l-kbira mill-proġetti eżaminati rnexxew u probabbilment se jkunu sostenibbli jekk il-miżuri meħtieġa previsti jiġu implimentati u l-kuntest ma jiddeterjorax wisq. Kwart mill-proġetti eżaminati ma rnexxilhomx iwasslu l-maġġoranza tar-riżultati mis-tennija tagħhom, prinċipalment minħabba dgħufijiet fit-tfassil li ma ġewx indirizzati kif ukoll minħabba monitoraġġ inadegwat mill-Kummissjoni.

VII

Aħna nagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet għall-għażla aktar rigoruża tal-proġetti, it-tisħiħ tal-monitoraġġ tagħhom u ż-żieda tal-prospetti tagħhom għas-sostenibbiltà.

L-aċċess għal servizzi tal-enerġija huwa ta' qofol għal progress lejn l-oġġettivi tal-iżvilupp

01

Fl-2004, kważi żewġ biljun persuna, li prinċipalment jgħixu f'żoni rurali u periurbani ta' pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, ma kellhomx aċċess għal servizzi tal-enerġija adegwati, mhux għaljin u sostenibbli¹. Prezzijiet volatili tal-fjuwil fuq is-suq internazzjonali, domanda għall-enerġija dejjem tiżdied f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u f'pajjiżi b'ekonomiji emerġenti, u tħassib dwar it-tibdil fil-klima huma sfidi partikolari relatati maż-żieda fl-aċċess għal servizzi tal-enerġija.

02

Filwaqt li l-pajjiżi membri tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) qed inaqqsu l-esponiment tagħhom għal prezzijiet tal-enerġija li dejjem jogħlew, il-biċċa l-kbira mill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw żiedu l-esponiment tagħhom minħabba l-klima ta' investment mhux attraenti u l-effiċjenza baxxa tal-proċessi tas-settur². Ir-rabti bejn in-nuqqas ta' aċċess għal servizzi tal-enerġija mhux għaljin u sostenibbli, u d-diffikultajiet biex isir progress sod lejn il-biċċa l-kbira mill-oġġettivi tal-iżvilupp ġew enfasizzati matul is-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (WSSD) li sar f'Johannesburg fl-2002 u f'dibattiti internazzjonali oħra dwar l-iżvilupp.

- 1 KUMM(2004) 711 finali tas-26 ta' Ottubru 2004 "L-iżvilupp fil-futur tal-Inizjattiva tal-UE għall-Enerġija u l-modalitajiet għall-istabbiliment ta' Faċilità għall-Enerġija għall-pajjiżi ACP", p. 2.
- 2 Bħala medja, il-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw jużaw madwar id-doppju ta' ekwivalenti taż-żejt għal kull unità ta' produzzjoni ekonomika meta mqabbla mal-pajjiżi tal-OECD (KUMM(2004) 711).

Stampa 1



© The Visible Earth, NASA.

Dehra espliċita tal-kontinent Ewropew u dak Afrikan billejl

Il-Faċilità għall-Enerġija AKP-UE nħolqot għal twassil rapidu fuq il-post

03

Fil-kuntest tal-WSSD, il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE ngħaqdu flimkien biex joħolqu l-Inizjattiva tal-UE għall-Enerġija (EUEI) għall-Qerda tal-Faqar u l-Iżvilupp Sostenibbli. L-għan tagħha huwa li tikkontribwixxi għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) billi tipprovdi servizzi tal-enerġija adegwati, mhux għaljin u sostenibbli lill-foqra f'żoni soċjoekonomikament żvantaġġati. L-EUEI inizjat id-djalogu ma' pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw biex tippromwovi riformi fis-settur tal-enerġija, trasferiment u investimenti fit-teknoloġija, u biex tħeġġeġ inizjattivi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

04

FI-2002 u l-2003, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa għal finanzjament fis-settur tal-enerġija ta' pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw³. Dan ġie rikonoxxut mill-Istati Membri u mill-pajjiżi AKP, li pproponew il-ħolqien ta' Faċilità għall-Enerġija (FE) AKP-UE⁴. F'Ġunju 2005, wara l-proposta tal-Kummissjoni⁵, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE approva l-ħolqien tal-FE abbażi ta' sett ta' prinċipji ta' qofol (ara l-**Kaxxa 1**).

- 3 COM(2002) 408 final tas-17 ta' Lulju 2002 "Energy Cooperation with Developing Countries" (Kooperazzjoni dwar l-Enerġija f'Pajjiżi li Għadhom qed Jiżviluppaw) u COM(2003) 829 final tat-23 ta' Diċembru 2003 "The World Summit on Sustainable Development one year on: implementing our commitments" (Sena wara s-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli: nimplimentaw l-impenji tagħna).
- 4 Fil-konferenza "Enerġija għall-Afrika" li saret f'Nairobi f'Novembru 2003 u fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE f'Gaboron f'Mejju 2004. Il-Faċilità għall-Ilma AKP-UE ssemmiet b'ħala mudell utli, bl-objettiv prinċipali tagħha tal-forniment ta' ilma tajjeb għax-xorb li jkun sikur u faċilitajiet sanitari bażiċi għall-foqra.
- 5 KUMM(2004) 711.

Kaxxa 1

Prinċipji ta' qofol tal-Faċilità għall-Enerġija AKP-UE

L-attivitajiet tal-FE għandhom ikunu diretti lejn:

- (i) l-immirar tal-pajjiżi AKP li diġà kellhom stabbilita jew li kienu impenjati li jistabblixxu politika tal-enerġija tajba u jintegraw governanza soda,
- (ii) il-promozzjoni ta' sjieda fil-livell nazzjonali (u possibbilment fil-livell interkonfinali) billi tiġi żgurata l-koerenza mal-politiki rilevanti tas-settur u strateġija kumplessiva għat-tnaqqis tal-faqar,
- (iii) il-possibbiltà ta' flessibbiltà fir-rigward ta' mekkaniżmi ta' kofinanzjament ma' Stati Membri, istituzzjonijiet mutwanti u entitajiet privati, pubbliċi jew assoċjattivi, u
- (iv) il-promozzjoni ta' innovazzjoni fil-konfront tal-isfidi tal-forniment ta' servizzi tal-enerġija sostenibbli u mhux għaljin għall-foqra.

Introduzzjoni

05

L-obiettiv prinċipali tal-FE kien li tippromwovi l-aċċess għal servizzi moderni tal-enerġija għall-foqra f'żoni rurali u periurbani, b'fokus ġeografiku qawwi fuq l-Afrika Sub-Saħarjana. Hija kelha l-għan ukoll li tappoġġa governanza aħjar fi - u li żżid l-attraenza għall-investituri - tas-settur tal-enerġija, tiffaċilita investimenti fuq skala kbira f'infrastruttura transkonfinali tal-enerġija u tippromwovi sorsi rinnovabbli, kif ukoll miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija.

06

Il-FE kienet allokata EUR 475 miljun għall-perjodu 2006-2013: EUR 220 miljun għall-ewwel faċilità (FE I) ffinanzjata taħt id-9 FEŻ, u EUR 255 miljun għat-tieni faċilità (FE II) ffinanzjata taħt l-10 FEŻ. Kważi 90 % ta' din l-allocazzjoni (EUR 415.7 miljun) ntużat għall-forniment ta' għotjiet lil proġetti magħżula permezz ta' sejħiet għal proposti⁶. Il-parti li jifdal kienet għall-forniment ta' appoġġ lill-Faċilità ta' Dialogu u ta' Sħubija (PDF) tal-EUEI⁷, lil mekkaniżmu li jiġbor flimkien u jiffinanzja proġetti ta' investiment ta' daqs medju⁸, lis-Sħubija fl-Infrastruttura Afrika-UE⁹, u lil attivitajiet mixxellanji¹⁰.

07

Meta l-awditu tagħna beda f'Ġunju 2014, kien ingħata total ta' EUR 268.2 miljun lil 142 proġett taħt l-ewwel żewġ sejħiet għal proposti: EUR 169 miljun lil 74 proġett mis-sejħa għal proposti li tnediet f'Mejju 2006 taħt il-FE I u EUR 99.2 miljun lil 68 proġett mill-ewwel sejħa għal proposti li tnediet f'Novembru 2009 taħt il-FE II¹¹.

08

Madwar 85 % tal-proġetti magħżula wara l-ewwel żewġ sejħiet għal proposti huma relatati ma' enerġija rinnovabbli, 12 % ma' sorsi ibridi (rinnovabbli u fossili) u 3 % ma' sorsi fossili. Ibbażat fuq l-attivitajiet prinċipali tagħhom, il-kategorizzazzjoni tal-proġetti hija kif ġej: produzzjoni tal-elettriku fuq skala żgħira, mhux fuq il-grilja¹² (42 %), interkonnessjoni, trasmisjoni u distribuzzjoni tal-elettriku (42 %), governanza/bini ta' kapacità¹³ (9 %) u enerġija għat-tisjir u oħrajn (7 %).

09

Ammont totali ta' EUR 106 miljun ingħata lil 50 proġett fl-Afrika tal-Lvant. B'inqas minn 20 % tal-popolazzjoni tiegħu b'aċċess għall-elettriku, dan ir-reġjun għandu r-rata l-aktar baxxa bil-bosta ta' aċċess fl-Afrika¹⁴. L-istess sitwazzjoni tapplika għall-aċċess għal fjuwil mhux solidu tat-tisjir, b'rata ta' inqas minn 10 % tal-popolazzjoni meta mqabbla ma' madwar 20 % għar-reġjuni tal-Afrika tal-Punent u l-Afrika Ċentrali, u aktar minn 40 % għar-reġjun tal-Afrika t'Isfel¹⁵.

- 6 Il-modalità tas-sejħiet għal proposti mhijiex unika għall-FE. Għal aktar dettalji ara s-sit web tad-DG DEVCO fuq <http://ec.europa.eu/europeaid/prag/>
- 7 Il-kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 3.5 miljun tgħaddi permezz ta' ftehim ta' delega lill-Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit (GIZ), li timmaniġġja l-proġett ta' madwar EUR 16.5 miljun. Kontribuzzjonijiet oħra huma mill-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Iżvezja u l-Finlandja. Din il-PDF għandha l-għan li tibni kapaċità istituzzjonali u li ttejjeb l-ambjent għal investimenti privati fis-settur tal-enerġija.
- 8 Inizjalment ippjanat sa mhux aktar minn EUR 40 miljun, huwa kkontribwixxa EUR 24.8 miljun għal sitt proġetti.
- 9 Allokazzjoni ta' EUR 17-il miljun primarjament għall-faċilitazzjoni ta' interkonnessjonijiet transkonfinali ta' networks nazzjonali.
- 10 Konsulenza u servizzi għall-valutazzjoni ta' proposti, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar ta' proġetti u kontinġenzi.
- 11 L-aħħar żewġ sejħiet għal proposti li tnedew taħt l-FE II f'Marzu u f'Ottubru 2013 rispettivament ġew konklużi f'Diċembru 2014. Għotjiet li jammontaw għal total ta' EUR 147.5 miljun ingħataw lil 31 proġett.
- 12 Jiġifieri unità ta' produzzjoni tal-elettriku pjuttost żgħira li talimenta netwerk ta' distribuzzjoni li mhuwiex interkonness mal-grilja prinċipali tal-elettriku.
- 13 Il-proġetti kollha f'kategoriji oħra jinkludu komponenti ta' bini ta' kapaċità.
- 14 Ir-rati ta' aċċess għall-elettriku tar-reġjuni Afrikani l-oħra jvarjaw minn 34 % sa 44 %. Għad dettalji ara r-Rapport 2011/2012 dwar Sħubija fl-Enerġija Afrika-UE (<http://www.euei-pdf.org/support-to-the-africa-eu-energy-partnership-aeeep>).

Ambitu u approċċ tal-awditjar

10

Aħna fittixna li nivvalutaw jekk il-Kummissjoni użatx il-FE b'suċċess biex iżżid l-aċċess għal enerġija rinnovabbli għall-foqra fl-Afrika tal-Lvant. L-awditu tagħna ffoka fuq tliet mistoqsijiet prinċipali:

- (a) Il-Kummissjoni allokat appoġġ taħt il-FE għal enerġija rinnovabbli lil proġetti li kienu pprijoritizzati u mfassla tajjeb?
- (b) Il-Kummissjoni mmonitorjat il-proġetti kif xieraq?
- (c) Il-proġetti laħqu l-oġġettivi tagħhom?

11

L-awditu ffoka fuq proġetti ta' enerġija rinnovabbli¹⁶ ffinanzjati taħt l-ewwel żewġ sejħiet għal proposti fi 12-il pajjiż tal-Afrika tal-Lvant¹⁷. Huwa twettaq bejn Ġunju 2014 u Frar 2015 u kien jinkludi:

- (a) analiżi tad-dokumenti ta' politika tal-UE relatati mas-settur tal-enerġija f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, mal-istrateġija għal kooperazzjoni tal-FEŻ u mal-FE;
- (b) intervisti ma' uffiċjali fid-DĠ DEVCO u ma' rappreżentanti ta' sħab kuntrattwali;
- (c) analiżi ta' 16-il proġett li ġew implimentati f'5 pajjiżi: il-Kenja, Madagascar, il-Mozambique, it-Tanzanija u ż-Żambja (ara l-**Anness I**)¹⁸. Il-kriterji tal-għażla inkludew il-materjalità¹⁹ u l-kopertura tat-teknoloġiji kollha użati kif ukoll tat-tipi differenti ta' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u sħab operazzjonali²⁰. Din l-analiżi kellha l-għan li tivvaluta l-effettività ta' dawn il-proġetti, li ngħataw punteġġi bl-użu ta' kriterji rilevanti mill-metodoloġija ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati (MOR) tal-Kummissjoni (ara l-**Anness II**);

- (d) żjarat f'Madagascar mit-13 sat-23 ta' Ottubru 2014 u fiż-Żambja u t-Tanzanija mit-3 sal-20 ta' Novembru, li kienu jinvolvu intervisti ma' persunal tad-delegazzjonijiet tal-UE, rappreżentanti ta' entitajiet pubbliċi tal-pajjiżi benefiċjarji, sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, kif ukoll żjarat fuq il-post għal tmien proġetti.

- 15 Fjuwil mhux solidu tat-tisjir huwa prinċipalment gass f'ċilindri jew kerosin bħala sostituti għall-ħatab u l-faħam tal-kannol.
- 16 Solari fotovoltajka, eolika, idroenerġija u enerġija tal-bijomassa.
- 17 Il-pajjiżi tal-Afrika tal-Lvant li tqiesu huma: il-Burundi, Djibouti, l-Eritrea, l-Etjopja, il-Kenja, Madagascar, il-Malawi, il-Mozambique, ir-Rwanda, it-Tanzanija, l-Uganda u ż-Żambja.
- 18 Meta l-proġetti jissemmew fl-osservazzjonijiet, issir referenza għan-numerazzjoni tagħhom u isimhom fil-qosor, kif indikat fl-annessi.
- 19 Kontribuzzjoni mill-FE ta' minimu ta' EUR 0.5 miljun.
- 20 Organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs), korpi parapubbliċi u ditti privati.

Il-Kummissjoni pprijoritizzat tajjeb l-appoġġ taħt il-FE, iżda kwart mill-proġetti eżaminati kellhom dgħufijiet serji fit-tfassil

12

Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx iprijoritizzat tajjeb l-appoġġ taħt il-FE, u jekk kinitx allokat appoġġ taħt il-FE lil proġetti li kienu mfassla tajjeb.

Il-proċess ta' għażla wassal għal proġetti ta' appoġġ f'konformità mal-prijoritajiet tal-FE

13

Is-sistema ta' sejħiet għal proposti tinvolti proċess ta' għażla trasparenti u dokumentat tajjeb (ara l-**Kaxxa 2**).

Kaxxa 2

L-għażla ta' proposti għal proġetti

Sabiex jiġu żgurati parteċipazzjoni kbira, trasparenza u approċċ xprunat mid-domanda, is-sejħa għal proposti u l-linji gwida għall-applikanti huma ppubblikati b'mod wiesa'. Dawn il-linji gwida fihom struzzjonijiet prattiċi għall-applikanti u l-oġettivi u l-prijoritajiet tas-sejħa. L-applikanti jippreżentaw dokument kunċettwali li jiddeskrivi l-karatteristiċi prinċipali tal-proġett propost, u applikazzjoni sħiħa li tagħti d-dettalji tal-azzjoni proposta flimkien mal-baġit tagħha u informazzjoni dettaljata dwar l-applikanti.

Il-ġestjoni tas-sejħa għal proposti hija ssorveljata minn kumitat ta' evalwazzjoni²¹, li huwa responsabbli għall-evalwazzjoni tal-proposti abbażi ta' kriterji tal-għażla u tal-għoti li huma stabbiliti fil-linji gwida tas-sejħa.

Kemm id-dokument kunċettwali kif ukoll l-applikazzjoni sħiħa jiġu vvalutati minn żewġ persuni, li fil-biċċa l-kbira mill-każijiet ikunu konsulent estern u rappreżentant tad-delegazzjoni tal-UE kkonċernata²². Il-valutazzjonijiet jitwettqu bl-użu ta' sistema ta' għoti ta' punteġġi u grilji standardizzati ta' evalwazzjoni bi kriterji li jkopru, b'mod partikolari, ir-rilevanza, il-fattibbiltà, l-effettività, is-sostenibbiltà u l-kosteffettività tal-proġetti.

Fejn ikun hemm differenzi sinifikanti fil-fehmiet bejn iż-żewġ assessuri, titwettaq it-tielet valutazzjoni mill-kumitat ta' evalwazzjoni biex jiġi determinat il-punteġġ finali.

L-għotjiet jingħataw lill-proġetti bl-ogħla punteġġi.

21 Għal sejħiet għal proposti taħt il-FE, il-kumitat ta' evalwazzjoni huwa kompost minn rappreżentanti tal-Kummissjoni (id-DG DEVCO, id-DG Ambjent, id-DG Riċerka u Innovazzjoni, id-DG Enerġija) u s-Segretarjat tal-AKP.

22 Meta l-proġett jikkonċerna azzjonijiet f'aktar minn pajjiż wieħed, il-proġett jiġi vvalutat minn konsulent estern u rappreżentant tad-direttorat reġjonali rilevanti tad-DG DEVCO.

14

Għall-ewwel żewġ sejħiet għal proposti taħt il-FE ġew ippreżentati 975 proposta li minnhom intaġġzlu 142 proġett (15 %). Fir-rigward tar-rilevanza tal-proġetti, il-kriterji tal-għażla żguraw konsistenza mal-prijoritajiet stabbiliti mill-FE u miż-żewġ sejħiet għal proposti:

(a) it-12-il pajjiż kollha fl-Afrika tal-Lvant li kienu koperti mill-awditu kellhom stabbilita jew kienu qed jistabbilixxu politika nazjonali tal-enerġija. Ġie pprovdut ukoll appoġġ taħt l-EUEI-PDF (ara l-paragrafu 6) għal 11 minn dawn il-pajjiżi biex tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u biex jittejjeb

l-ambjent tan-negozju għal investimenti fis-settur tal-enerġija (ara l-**Anness III**)²³;

(b) ingħatat prijorità għolja lil proġetti li jużaw sorsi tal-enerġija rinno-vabbli, li jirrappreżentaw 85 % tal-għotjiet mogħtija (ara l-paragrafu 8); u

(c) il-proġetti jindirizzaw ħtiġijiet identifikati tajjeb fir-rigward tal-aċċess għal servizzi moderni tal-enerġija (ara l-**Kaxxa 3**) f'żoni rurali jew periurbani li fil-biċċa l-kbira huma ppopolati b'komunitajiet ekonomikament modesti jew foqra.

23 Għal tmiem pajjiżi, l-enerġija ntgħażlet ukoll bħala setturi fokali fl-istrategġiji għal kooperazzjoni tal-11-il-FEŻ.

Kaxxa 3

Il-ħtiġijiet essenzjali tal-enerġija ta' popolazzjonijiet foqra

F'żoni rurali u periurbani, il-ħtiġijiet prijoritarji tal-elettriku ta' unitajiet domestiċi huma ġeneralment id-dawl, l-iċċarġjar ta' telefowns ċellulari, radju jew televiżjoni, ċirkulazzjoni tal-arja u, fejn possibbli, friġġ, arja kundizzjonata jew apparat domestiku ieħor. Fil-livell tal-villaġġ/tal-komunità, il-forniment tal-elettriku lil ċentri mediċi normalment ikun l-ogħla prijorità, segwit minn faċilitajiet amministrattivi, skejtel u, fejn meħtieġ, ippumpjar tal-ilma. L-attivitajiet ekonomiċi prinċipali li jsiru possibbli bit-twassil tal-elettriku jinkludu t-tħin tal-qamħ, it-tneħħija tal-ħliefa tar-ross, is-serrar tal-injam, it-tkessiħ tal-ikel u x-xorb, il-ħjata jew ċentri ta' komunikazzjoni.

L-enerġija għat-tisjir tibqa' bbażata, fil-maġġoranza kbira tal-każijiet, fuq il-ħatab jew il-faħam tal-kannol. Stufi ddisinjati apposta biex jippermettu ffrankar fuq il-fjuwil u forestrija mmaniġġjata tajjeb huma l-ewwel passi lejn użu u produzzjoni aktar effiċjenti tal-enerġija. Soluzzjonijiet moderni tal-enerġija għat-tisjir jinkludu d-disponibbiltà ta' ċilindri tal-gass mhux għaljin u sikuri, jew produzzjoni ta' bijogass viċin il-post tal-użu. (Sorsi: diversi dokumenti tal-proġetti u r-rapport "Poor people's energy outlook 2013" (Il-prospetti tal-enerġija għal nies foqra fl-2013). <http://practicalaction.org/ppoe2013-pr>)

Stampa 2



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Tabella li taġġi viżibbiltà lill-proġett "Up-scaling aċċess to integrate modern energy services for poverty reduction" (Matadi, id-distrett ta' Siha, it-Tanzanija)

Kwart mill-proġetti eżaminati ġew iffinanzjati minkejja li l-proċess ta' valutazzjoni kien identifika dgħufijiet sinifikanti fit-tfassil

15

Fir-rigward tat-tfassil ta' proġetti intużaw kriterji ta' evalwazzjoni xierqa biex jiġu vvalutati:

- (i) il-vijabbiltà operazzjonali (b'referenza għall-kapaċità tas-sħab u l-metodoloġija għall-implimentazzjoni tal-proġett),
- (ii) is-sostenibbiltà (soċjoekonomika, finanzjarja, teknika u ambjentali),
- (iii) il-kosteffettività (il-proporzjon spejjeż/riżultati mistennija), u
- (iv) ir-replikabbiltà (effetti dimostrattivi li jservu bħala mudell għar-replikazzjoni fil-futur).

16

Għal 11 mill-proġetti eżaminati, kien hemm konsistenza bejn il-punteġġi mogħtija u l-kummenti analitiċi taż-żewġ assessuri. Dan ma kienx il-każ għall-ħames proġetti l-oħra, li fil-każ tagħhom il-proċess ta' għażla kien affettwat minn inkonsistenzi li ma nqabdux mill-kumitat ta' evalwazzjoni:

- (a) F'każ wieħed²⁴, il-punteġġ ta' jjeb li ngħata mill-assessur estern ma kienx loġiku fid-dawl tad-defiċjenzi serji fit-tfassil u r-riskji għoljin ta' falliment tal-proġett li huwa sab²⁵. Billi l-punteġġi mogħtija miż-żewġ assessuri kienu oġġla mis-soll, il-proġett intaġġel.

- (b) Għall-erba' proġetti l-oħra²⁶, il-proposta kellha tiġi ppreżentata għat-tielet valutazzjoni, billi l-assessuri esterni indikaw dgħufijiet serji fit-tfassil li poġġew il-proġetti f'riskju għoli (pereżempju nuqqas ta' kompetenza tal-applikant, objettivi ambizzjużi żżejjed, ip-pjanar tal-implimentazzjoni mhux realistiku, sostenibbiltà tar-riżorsi primarji f'riskju, kosteffettività sfavorevoli, pjan ta' negozju ottimist iżżejjed u/jew ambizzjuż iżżejjed). Madankollu, it-tielet valutazzjoni, li rrakomandat l-għoti ta' għotja, ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod xieraq ir-riskji identifikati u n-nuqqas ta' miżuri xierqa ta' mitigazzjoni.

17

F'erbgħa minn dawn il-ħames każijiet²⁷, id-dgħufijiet serji fit-tfassil kienu r-raġuni prinċipali għall-falliment tal-proġetti (ara l-paragrafu 36).

18

Il-proċess ta' għażla kien jinkludi valutazzjoni tax-xerqien tal-qafas loġiku ta' kull proġett²⁸. L-objettivi tal-proġetti kienu SMART²⁹ iżda, minħabba n-nuqqas ta' studji ta' fattibbiltà xierqa, l-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti biex jimmonitorjaw il-kisba tagħhom ma kinux dejjem ibbażati fuq linji bażi preċiżi u miri maħsuba tajjeb.

- 24 Il-proġett 5 (Up-scaling).
- 25 Pereżempju proġett ambizzjuż iżżejjed, suppożizzjonijiet u pjan ta' negozju ottimisti ħafna, il-proġett pilota li kien għadu għaddej ma kienx wera x-xerqien tiegħu.
- 26 Il-proġetti 2 (Best Ray), 6 (Bioenergelec), 13 (Nice Roll-out) u 16 (Wood and charcoal).
- 27 Il-proġetti 5 (Up-scaling), 6 (Bioenergelec), 13 (Nice Roll-out) u 16 (Wood and charcoal). Ara l-**Annex VI**, il-kolonna "Tfassil", il-proġetti li ngħataw punteġġ ta' C jew D.
- 28 Dan jistabbilixxi r-relazzjoni bejn il-ħtiġijiet soċjoekonomiċi li għandhom jiġu indirizzati mill-proġett u l-objettivi, l-inputs, l-attivitajiet u r-riżultati tiegħu.
- 29 Speċifiċi, li jstgħu jitkejlu u jinkisbu, rilevanti u marbuta bil-ħin.

Osservazzjonijiet

19

Mit-13-il proġett li ġew ikkometati jew li kienu kważi kkompletati, 5 kienu jeħtieġu aġġustament sinifikanti tal-indikaturi tal-prestazzjoni tagħhom biex jadattaw għar-realtajiet fuq il-post³⁰, jottimizzaw il-possibiltajiet tekniċi³¹ jew jindirizzaw avveniment imprevist³² (ara l-**Anness IV**). Dan prinċipalment affettwa l-proġetti tal-FE I. Il-Kummissjoni indirizzat din il-kwistjoni għall-proġetti tal-FE II. L-ewwel sejħa għal proposti tal-FE II rrakkomandat it-tweġiq ta' studji ta' fattibbiltà qabel il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, u dan sar obligatorju taħt it-tieni sejħa.

Il-Kummissjoni ma mmonitorjatx il-proġetti kollha b'mod xieraq

20

Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kisbitx informazzjoni adegwata mir-rappurtar tal-proġetti biex timmonitorja l-progress u jekk ħaditx miżuri xierqa u f'waqthom meta kien meħtieġ.

Il-kwalità tar-rapporti tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ma kinitx uniformi

21

Id-dispożizzjonijiet tal-kuntratti tal-għotjiet konklużi mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jipprovdu li l-ħlas tal-pagamenti parzjali tal-għotja jsir malli d-delegazzjoni tal-UE tapprova r-rapporti narrattivi u finanzjarji, kemm interim kif ukoll finali. Dawn ir-rapporti għandhom jikkonformaw ma' mudell stipulat fil-kuntratt tal-għotja: għandhom jelenkaw l-attivitajiet imwettqa, jispjegaw ir-raġunijiet għalfejn ċerti attivitajiet ippjanati ma setgħux jiġu implimentati, jelaboraw dwar il-problemi ffaċċati u kif dawn ġew indirizzati, u jivvalutaw ir-riżultati miksuba.

22

Għal 5 mis-16-il proġett eżaminat, ir-rappurtar kien f'waqtu u tal-kwalità mistennija. Dawn il-ħames proġetti kollha ġew implimentati minn sħab għall-iżvilupp esperjenzati³³. Fir-rigward tal-proġetti l-oħra:

- (a) ir-rapporti narrattivi, b'mod regolari, ma kellhomx informazzjoni dwar il-progress intermedju lejn l-oġettivi;
- (b) meta l-progress ma kienx sodisfaċenti, ir-rapporti spiss kien fihom informazzjoni limitata dwar il-miżuri pplanati jew meħuda;
- (c) fil-każ ta' dewmien sostanzjali fl-implimentazzjoni, it-talbiet għall-ħlas u r-rapporti assoċjati saru inqas frekwenti, u pprovdew saħansitra inqas informazzjoni lid-delegazzjonijiet tal-UE.

- 30 Għall-proġett 5 (Up-scaling), ir-riżorsi disponibbli nstabu li kienu inkompatibbli mad-distribuzzjoni ġeografika u l-għadd ta' siti li kellhom jiġu mgħammra. Għall-proġett 15 (Boreale), l-ispiża u l-kumplessà teknika involuti fl-unitajiet ta' potenza eolika nstabu li kienu inkompatibbli mal-kapaċitajiet lokali u villaġġ wieħed (minn 8) ma kellux popolazzjoni kbira biżżejjed biex il-proġett ikun sostenibbli.
- 31 Għall-proġett 8 (Sahambano), l-istudju topografiku wera li l-idroenerġija disponibbli kienet ta' 700 kW minflok l-460 kW ippjanati. Għall-proġett 7 (rHYviere), fuq it-tliet siti, l-idroenerġija installata telgħet għal 890 kW minflok is-600 kW ippjanati.
- 32 Għall-proġett 6 (Bioenergelec), ir-riżorsi tal-forestrija ddedikati għal sit wieħed (mill-ħamsa pplanati) inqas minn ċiklun qabel il-konstruzzjoni tal-unità ta' produzzjoni tal-elettriku.
- 33 Il-proġetti 2 (Best-Ray), 4 (Biogas), 7 (rHYviere), 9 (Resouth) u 15 (Boreale).

23

Id-DĠ DEVCO kkuntratta ditta ta' konsulenza biex tassisti lid-delegazzjonijiet tal-UE fil-valutazzjoni tar-rappurtar tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, tirreġistra *data* dwar il-progress fl-implimentazzjoni, tistabbilixxi għodda strutturata ta' monitoraġġ tal-FE u tipproduċi rapporti dwar ir-riżultati globali tal-FE. Meda d-ditta ta' konsulenza identifikat dgħufijiet fil-puntwalità, il-kwalità jew il-kompletezza tar-rapporti, hija infurmat lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni u lid-delegazzjoni tal-UE u għamlet rakkomandazzjonijiet biex l-implimentazzjoni tiġi ffaċilitata fejn xieraq. L-analiżi tagħha tar-rapporti tas-sħab normalment kienet tkun ikkometata fi żmien minn xahar sa ħames xhur wara l-perjodu kopert mir-rapport. Madankollu, minħabba l-estensjoni tardiva tal-kuntratt tagħha, kien hemm lakuna ta' bosta xhur fl-attivitajiet tagħha, li f'xi każijiet ittardjat din l-analiżi konsiderevolment (ara l-**Anness V**).

24

Din l-analiżi standardizzata minn entità waħdanija kienet utli għall-armonizzazzjoni u t-titjib tar-rappurtar tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni sa ċertu punt. Madankollu, id-ditta ta' konsulenza ma kellha ebda setgħa biex tinforza r-rakkomandazzjonijiet li saru u l-kuntratt tagħha ma kienx jipprevedi riżorsi għall-iċċekkjar fuq il-post tal-informazzjoni pprovduta mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni. Din il-verifikazzjoni setgħet titwettaq biss meta sorsi oħra ta' informazzjoni kienu disponibbli³⁴.

25

Il-baġit tal-proġetti eżaminati ppreveda li evalwazzjonijiet obbligatorji ta' nofs it-terminu u finali għandhom jiġu organizzati u kkuntrattati mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni lill-konsulenti esterni. Twettqu biss nofs l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu. Mill-11-il proġett tal-FE I eżaminati, 5 ma ġewx suġġetti għal evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, minkejja li dawn bdew fl-2008 u kienu fadlilhom madwar sena biex jiġu kkompletati fi żmien l-awditu³⁵. Proġett wieħed tal-FE II³⁶ dam għaddej għal bejn wieħed u ieħor tliet snin u kien ippjanat li jintemm fi żmien inqas minn sena, iżda dan ukoll ma kienx ġie suġġett għal evalwazzjoni ta' nofs it-terminu (ara l-**Anness V**).

Għal xi proġetti li esperjenzaw diffikultajiet serji fl-implimentazzjoni, il-Kummissjoni ma ħaditx miżuri xierqa u f'waqthom

26

Id-dgħufijiet fir-rappurtar dwar il-proġetti ġew enfasizzati fir-rapport ta' Frar 2012 dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-ewwel sejħa għal proposti organizzata mid-DĠ DEVCO³⁷. Il-Kummissjoni ma tatx segwitu għal din is-sejba, billi tistipula l-azzjonijiet ta' rimedju ppjanati, l-iskeda ta' żmien tagħhom u l-allokkazzjoni tar-responsabbiltajiet³⁸.

- 34 Rapporti ta' żjarat fuq il-post mill-maniġer tal-programm fid-delegazzjoni tal-UE, rapporti ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati u valutazzjonijiet esterni.
- 35 L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-proġett 6 (Bioenergelec) twettqet f'Marzu 2013, jiġifieri ħames snin wara li l-proġett kien beda għal perjodu ta' implimentazzjoni inizjali ta' tliet snin.
- 36 Il-proġett 16 (Wood and charcoal).
- 37 Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-ewwel sejħa għal proposta tal-Faċilità għall-Enerġija taħt id-9 FEŻ.
- 38 Din il-kwistjoni mhijiex unika għal din l-evalwazzjoni. Kif jissemma fir-Rapport Speċjali Nru 18/2014 Sistemi ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati, tal-EuropeAid, hemm dgħufijiet fis-segwitu għas-sejbiet tal-evalwazzjoni (il-paragrafi 56 sa 60).

27

Taħt il-kuntratti, jekk is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi ta' rappur-tar tagħhom, id-DĠ DEVCO għandu s-setgħa li fi kwalunkwe ħin jitlob informazzjoni addizzjonali li trid tiġi pprovduta fi żmien xahar, kif ukoll li jtemm il-kuntratt u jirkupra l-ammonti li jkunu diġà tħallsu u ma jkunux ġew issostanzjati. Id-DĠ DEVCO ma għamilt użu xieraq minn dawn is-setgħat.

28

Fit-tliet delegazzjonijiet tal-UE eżaminati, ftit li xejn kien hemm evidenza ta' żjarat regolari lil proġetti fuq il-post mill-manigġers tal-programmi, anke fejn id-delegazzjonijiet tal-UE kienu konxji mid-diffikultajiet serji ffaċċjati, kif kien il-każ għaż-żewġ proġetti tal-FE I li ma kinux qed jirnexxu³⁹. Ir-raġunijiet li ngħataw kienu l-limitazzjonijiet tar-riżorsi u l-fatt li l-proġetti tal-FE rċevew inqas prijorità minn programmi taħt l-istrateġiji għal kooperazzjoni tal-FEŻ ma' pajjiżi sħab⁴⁰.

29

Għal proġetti li rarament jinżaru mill-persunal tad-delegazzjonijiet jew li jiffaċċjaw diffikultajiet, il-manigġers tal-programmi fid-delegazzjonijiet tal-UE jistgħu jitolbu li tiġi pplanata żjara ta' monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati (MOR) mid-DĠ DEVCO. Mis-16-il proġett eżaminati, 10 ġew suġġetti għal mill-inqas MOR wieħed⁴¹ (ara l-**Anness V**). Madankollu, ma sarx biżżejjed użu minn din il-possibbiltà għal proġetti li kienu qed jesperjen-zaw diffikultajiet fl-implimentazzjoni li kienu serji u magħrufa sew:

(a) il-proġett 5 (Up-scaling), li beda f'Jannar 2008, ġie suġġett biss għal MOR wieħed f'Ġunju 2013. Ir-rapport enfażizza s-sitwazzjoni kaotika iżda kien tard wisq biex tittieħed azzjoni ta' rimedju;

(b) il-proġett 6 (Bioenergelec), li beda f'April 2008, qatt ma ġie suġġett għal MOR minkejja dewmien estensiv fl-implimentazzjoni⁴² u r-riżultati inferjuri miksuba.

30

Jekk il-Kummissjoni temmen li l-kuntratt ma jkunx għadu jista' jiġi eżegwit b'mod effettiv jew xieraq, hija tista' tftitex li tasal għal qbil dwar soluzzjoni mas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, u tista' ttemm il-kuntratt jekk ma tkunx tista' tinstab tali soluzzjoni. Il-Kummissjoni ma ħaditx din it-tip ta' azzjoni meta, f'madwar nofs l-2010, kien ċar li ż-żewġ proġetti msemmija fil-paragrafu 29 ma kinux għadhom jistgħu jiġu implimentati kif iplanat:

(a) għall-proġett 5 (Up-scaling), waħda mill-possibbiltajiet setgħet kienet li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-ambitu ġeografiku u l-għadd ta' villaġġi li kellhom jiġu mgħammra, u li terġa' titqies mill-ġdid il-kontinwazzjoni tal-iskema ta' kultivazzjoni tal-jatropha⁴³;

(b) għall-proġett 6 (Bioenergelec), il-pjan tal-proġett seta' ġie vvalutat mill-ġdid fid-dawl tar-riżultati inferjuri ta' proġett preċedenti simili li ġie implimentat ukoll f'Madagascar mill-istess sieħeb⁴⁴.

39 Għall-proġetti 5 (Up-scaling) u 6 (Bioenergelec), il-perjodi ta' implimentazzjoni ġew estenzi għal 78 u 81 xahar rispettivament (ara l-**Anness V**). Għall-proġett 6 (Bioenergelec), ebda żjara fuq il-post ma setgħet tiġi dokumentata biex il-Qorti tanalizzaha.

40 In-nuqqas ta' biżżejjed żjarat lil proġetti fuq il-post mhuwiex uniku għal proġetti tal-FE. Kif indikat fir-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tiegħu, id-DĠ DEVCO ma laħaqx l-objettiv tiegħu li jżur mill-inqas 80 % tal-proġetti u l-kuntratti li kienu għadhom għaddejnin (p. 112, u l-Anness 10, pp. 297-299). Għall-2014, ir-riżultati kumplessivi kienu f'livell ta' 69 %, taħt ir-rata ta' 72 % għall-2013. Ir-restrizzjoni tal-persunal hija waħda mir-raġunijiet imsemmija.

41 Tliet proġetti ġew suġġetti għal żewġ MOR.

42 Inizjalment iplanat għal 36 xahar, il-perjodu ta' implimentazzjoni ġie estenz għal 81 xahar.

43 Il-jatropha hija pjanta li ż-żrieragħ tagħha li fihom iż-żejt jiġu pproċessati f'bijodiżil.

44 Dan il-proġett li beda sentejn qabel ma kienx qed irendi riżultati sodisfaċenti, notevolment minħabba l-makkinarju mhux affidabbli, identiku għal dak użat fil-proġett 6 Bioenergelec.

31

Il-proġett 6 tal-FE II (Wood and charcoal) qed jiġi implimentat f' bosta pajjiżi minn kumpanija privata tal-forestrija. Huwa beda f' Marzu 2012 u, inqas minn sena mid-data ta' kkompletar ippjanata tiegħu (Lulju 2015), il-komponent innovattiv tal-faħam tal-kannol⁴⁵ kien għadu ma għamilx progress u probabbilment ma kienx se jimmaterializza. Id-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi kkonċernati ma kinux fittxu li jidentifikaw ir-raġunijiet għall-falliment tal-proġett, u lanqas ma kienu ħadu azzjoni b'rispons. Billi il-faħam tal-kannol kien il-komponent innovattiv li ġġustifika l-eliġibbiltà tal-proġett taħt l-FE, il-fatt li dan l-element ma twassalx ifisser li huwa possibbli li l-Kummissjoni tkun tista' tirkupra parti mill-finanzjament tagħha.

Il-biċċa l-kbira mill-proġetti eżaminati rnexxew u kellhom prospetti tajbin għas-sostenibbiltà

32

Aħna eżaminajna jekk ir-riżultati intenzjonati tal-proġetti twasslux kif ippjanat u jekk dawn ir-riżultati kinux sostenibbli.

Kwart mill-proġetti eżaminati ma wasslux il-biċċa l-kbira mir-riżultati mistennija

33

Il-perjodi ta' implimentazzjoni indikati fil-proposti għal proġetti, u sussegwentement stipulati fil-kuntratti tal-għotjiet, ġeneralment stmaw b'mod insuffiċjenti ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proġetti⁴⁶. Mill-11-il proġett tal-FE I eżaminati, 9 kellhom jiġu estiżi u 2 minnhom kienu jeħtieġu aktar mid-doppju taż-żmien ippjanat inizjalment (ara l-**Annex IV**).

34

Mis-16-il proġett eżaminat, 12 irnexxew: 5 kienu qabżu jew probabbilment kienu se jaqabżu l-miri inizjali tagħhom, 2 kienu ssodisfaw jew probabbilment kienu se jissodisfaw il-miri tagħhom, u 5 probabbilment ma kinux se jilħqu l-miri tagħhom iżda r-riżultati kienu xorta waħda raġonevoli⁴⁷ (ara l-**Annex IV** u l-**Annex VI**, il-kolonna "Riżultati", il-proġetti li ngħataw punteġġ ta' A jew B). Il-**Kaxxa 4** tipprovdi żewġ eżempji ta' proġetti li rnexxew.

- 45 L-użu ta' fran industrijali minflok produzzjoni artiġjanali li trendi f'it.
- 46 Pereżempju studji ta' fattibbiltà, talba għal permess tal-konstruzzjoni u proċessi ta' akkwist (ara wkoll il-paragrafu 19).
- 47 Ir-riżultati huma oġġla minn 75 % tal-valuri mmirati, jew għennotat progress ta' inkoraġġiment wara li l-implimentazzjoni tal-proġett ġiet ikkompletata (pereżempju l-għadd ta' unitajiet domestiċi konnessi żdied progressivament).

Eżempji ta' proġetti li rnexxew

Il-proġett 4 (Bijogass) – Dan il-proġett implimentat fil-Kenja kellu l-għan li jirkupra gass metanu minn diġesturi ta' demel likwidu f'azjendi agrikoli żgħira b'minn 3 sa 10 baqar tal-ħalib. Il-bijogass jintuża bħala fjuwil tat-tisjir għall-unitajiet domestiċi tas-sidien tal-azjendi agrikoli. Huwa jikkontribwixxi għall-iffrankar ta' ħatab jew ta' faħam tal-kannol, inaqqas ħafna t-tniġġis ġewwa l-bini u jtejjeb il-kwalitajiet fertilizzanti tad-demel likwidu. Mikroistituzzjonijiet u promoturi pubbliċi kienu involtui biex tiġi żgurata r-replikazzjoni tal-proġett. Il-proġett irnexxielu jinstalla 765 diġestur f'5 provinċji Kenjani (meta mqabbel ma' mira ta' 460).

Il-proġett 14 (Small-scale solar) – L-għan ta' dan il-proġett kien li jippermetti lil madwar 18 000 persuna (jew 4 000 familja) jaċċessaw enerġija solari sostenibbli fuq skala żgħira f'żewġ distretti rurali fil-Mozambique. Fanali ċċarġjati permezz ta' enerġija solari huma sostitut għall-ħruq ta' injam jew ta' kerosin għad-dawl. Dawn il-fanali qed isiru disponibbli bi ħlas ta' tariffa modesta ta' kuljum minn negozji ta' skala żgħira (stazzjonijiet ta' ċċarġjar operati minn imprendituri lokali li rċewew taħriġ speċjali mill-proġett. Ġew installati 41 stazzjon ta' ċċarġjar mifruxa f'25 villaġġ u 14 760 persuna (jew 82 % tal-mira) qed jiġu pprovduti b'dawl ekonomiku li juża enerġija nadifa. Nofs dawn l-imprendituri huma nisa. Stazzjonijiet solari ta' ċċarġjar jintużaw ukoll għall-iċċarġjar ta' telefowns ċellulari u apparat domestiku żgħir ieħor, bħal radjijiet jew magni għal qtugħ ix-xaġġar.

35

Il-proġetti ta' elettrifikazzjoni rurali li jinkludu l-forniment ta' servizzi tal-enerġija lil unitajiet domestiċi u binjiet pubbliċi lokali (permezz tal-konnessjoni ma' grilja żgħira fil-villaġġi jew bl-użu ta' unitajiet solari awtonomi għal abitazzjonijiet imxerrda) kellhom effett pożittiv ħafna billi tejbu l-ħajja ta' kuljum ta' komunitajiet rurali, anke jekk l-attivitatijiet ekonomiċi l-ġodda mistennija damu biex jinbtu. Pereżempju, il-faċilitajiet u l-kumdità addizzjonali inkoraġġew lil persunal kwalifikat ta' qofol bħal għalliema, toba u mħallfin biex jaċċettaw li jaħdmu f'postjiet remoti. Dan għandu effetti ta' kaskata, bħat-titjib fid-disponibbiltà ta' servizzi pubbliċi u l-ħolqien ta' impjieg anċillari, li jikkontribwixxu b'mod essenzjali għat-tnaqqis tal-faqar⁴⁸.

48 Pereżempju l-proġetti 2 (Best Ray), 3 (Majaua), 7 (rHYviere), 10 (Rural electrification) u 12 (Green energy).

Stampi 3 – 4



Estensjoni tal-grilja, notevolment għall-klinika Kamilambo, "Rural electrification infrastructure and small-scale projects" (id-distrett ta' Mumbwa, iż-Żambja)



Transformer b'vultaġġ baxx qed jiġi konness mal-grilja ta' distribuzzjoni fil-villaġġ ta' Sahasinaka, il-proġett rHYviere (il-provinċja ta' Fianarantsoa, Madagascar)

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

36

Madankollu, erba' proġetti ma rnexxil-homx jilhq u l-biċċa l-kbira mill-obiettivi mistennija tagħhom, prinċipalment minħabba dgħufijiet fit-tfassil kif ukoll minħabba monitoraġġ inadegwat mill-Kummissjoni matul l-implimentazzjoni tagħhom (ara l-**Anness VI**, il-kolonna "Riżultati", proġetti li ngħataw punteġġ ta' D):

- (a) Wara ħames snin ta' implimentazzjoni, il-proġett 5 (Up-scaling) irnexxielu jipprovd i aċċess għal servizzi moderni tal-enerġija⁴⁹ lil 11 biss mill-120 villaġġ ipplanati. Xi tagħmir mixtri baqa' ma ntużax u kien qed isir skadut.
- (b) Il-proġett 6 (Bioenergelec) kien intenzjonat li juża l-bijomassa biex jiġġenera l-elettriku billi jaħraq, prinċipalment, injam f'kaldarun konness ma' magna taħdem bl-istim, li min-naħa tagħha tħaddem ġeneratur. Ħafna mir-riskji sinifikanti li kienu ġew identifikati fil-fażi tal-għażla tal-proġetti mmaterjalizzaw⁵⁰. Madankollu, il-qerda tal-foresta minn ċiklon f'wieħed mill-ħames siti magħżula kien riskju maġġuri li mmaterjalizza u li ma kienux ġie identifikat. Sitt snin wara l-bidu tal-proġett, installazzjoni waħda biss kienet ġiet ikkometata u kienet qed taħdem biss b'mod sporadiku⁵¹. L-ippjanar tal-installazzjoni ta' ħames unitajiet qabel kwalunkwe feedback konvinċenti minn proġett pilota kien prematur ħafna⁵².
- (c) Il-proġett 13 (Nice Roll-out) kellu l-għan li jestendi ċentru għall-internet li jaħdem bl-enerġija solari, u li diġà kien qed jopera fil-Gambja, għal aktar minn 50 post fiż-Żambja u fit-Tanzanija. Il-proġett kellu jintemm minħabba l-likwidazzjoni tas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni fl-2013. Il-mudell kummerċjali li kien jinvolvi s-settur privat tqies bħala riskju prominenti fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-proposta.

- (d) Il-proġett 16 (Wood and charcoal), kellu l-għan li ssir produzzjoni sostenibbli ta' injam u ta' faħam tal-kannol f'żoni rurali. Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni kien wera aktar interess fl-industrija profittabbli tal-injam milli fil-komponent innovattiv tal-faħam tal-kannol, li kien ir-raġuni għaliex il-proġett kien eliġibbli għal finanzjament taħt il-FE.

Kważi l-proġetti kollha li rnexxew u li ġew eżaminati kellhom prospett tajbin għas-sostenibbiltà

37

Għal wieħed mit-12-il proġett eżaminat li rnexxew, is-sostenibbiltà kienet kwistjoni ta' tħassib minħabba l-kumplessità teknika involuta flimkien man-nuqqas ta' kapaċità lokali. Kien hemm riskju ta' falliment tekniku fit-terminu qasir sa dak medju⁵³. Il-11-il proġett l-ieħor probabbilment kienu se jkunu sostenibbli jekk il-miżuri meħtieġa previsti kellhom jiġu implimentati skont il-pjan u l-kuntest⁵⁴ ma jiddeterjorax wisq (ara l-**Anness VI**, il-kolonna "Sostenibbiltà", il-proġetti li ngħataw punteġġ ta' B).

- 49 Pereżempju akkwist li ħa ż-żmien, limitazzjonijiet loġistiċi, mobilizzazzjoni tad-domanda minħabba kompetizzjoni ma' teknoloġiji oħra u kultivazzjoni ineffettiva tal-jatropha. Il-proġett huwa affettwat ulterjorment minn tilwim legali bejn is-sieħeb u fornitur li ma ssodisfax l-impenn tiegħu filwaqt li bblokka l-fondi.
- 50 Il-proġett ġie ppenalizzat ukoll minħabba sitwazzjoni kontenzjuża bejn il-fornitur tat-tagħmir u l-aġenzija nazzjonali għall-elettrifikazzjoni rurali (li hija wkoll sieħeb fil-proġett).
- 51 Il-makkinarju ta' oriġini Brażiljana huwa prototip li għadu dipendenti ħafna fuq il-manifattur tiegħu.
- 52 Sitt unitajiet kienu pplanati fil-proposta, ħamsa biss inżamm u fil-kuntratt tal-għotja.
- 53 Il-proġett 9 (Resouth) ingħata punteġġ ta' C minħabba l-kumplessità tal-komponent tiegħu ta' turbina eolika u s-sitwazzjoni remota estrema tiegħu.
- 54 Fatturi eżoġeni li jistgħu jaffettwaw il-proġetti direttament jew indirettament, bħall-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, is-sitwazzjoni tas-sigurtà, bidla kbira fil-politika tas-settur jew degradazzjonijiet ambjentali.

Osservazzjonijiet

38

Għall-proġetti li jinvolvu unità ta' produzzjoni tal-elettriku u distribuzzjoni tal-grilja decentralizzati⁵⁵, is-sostenibbiltà teħtieġ ġestjoni xierqa tal-operazzjonijiet (produzzjoni u bejgħ tal-elettriku) u manutenzjoni teknika regolari⁵⁶. Fil-proġetti kollha ġie pprovdut taħriġ biex itejjeb il-kapaċitajiet maniġerjali u tekniċi ta' operaturi futuri. Madankollu, minħabba l-kapaċitajiet lokali, għad hemm ħtieġa għal taħriġ perġodiku wara l-ikkompletar tal-proġett biex tiġi żgurata ġestjoni ottima tal-unitajiet ta' produzzjoni⁵⁷.

- 55 Il-proġetti 1 (Mwenga), 3 (Majaua), 7 (rHyviere), 8 (Sahambano), 9 (Resouth), 10 (Rural electrification) u 15 (Boreale).
- 56 F'xi każijiet se tkun meħtieġa attenzjoni partikolari, pereżempju fir-rigward ta' xi nuqqasijiet fil-kwalità tal-infrastruttura mibnija u t-tagħmir installat.
- 57 Minn żmien għall-ieħor, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni li ilhom stabbiliti ipprovdew appoġġ bi spejjeż tagħhom wara li ntemm il-kuntratt tagħhom, pereżempju fil-proġett 9 (Resouth).

Stampi 5 – 6



Unità solari fotovoltajka fuq saqaf ta' skola bil-karta ta' istruzzjonijiet tagħha, il-proġett "Increase aċċess to Electricity services" (id-distrett ta' Kalomo, ż-Zambja)

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

39

Xi proġetti qajmu wkoll sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali (ara l-eżempju fil-**Kaxxa 5**) u pprovdew taħriġ dwar kif jinbdeu mikrointrapriżi, li sar possibbli bil-wasla tal-elettriku.

40

Unitajiet ta' produzzjoni li jwasslu l-elettriku lil konsumatur waħdieni (jiġifieri konnessjoni mal-grilja ta' distribuzzjoni prinċipali normalment operata minn korp parapubbliku) jistgħu jiffaċċjaw inadempjenzi fil-ħlas, li jistgħu jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-proġett⁵⁸. Dan ir-riskju huwa magħruf sew, u r-riformi fil-politiki nazzjonali tal-enerġija għandhom l-għan li jinfurzaw, progressivament, prattiki aħjar u li jtejbu l-pożizzjoni tal-operaturi tal-grilja nazzjonali u jagħmluhom aktar kapaċi li jħallsu lill-fornituri tagħhom⁵⁹.

58 Il-proġetti 7 (rHYviere, sit wieħed minn 3) u 8 (Sahambano).

59 Pereżempju fit-Tanzanija u f'Madagascar, il-Bank Dinji jappoġġa programmi kbar għar-riforma tas-settur tal-enerġija.

Kaxxa 5

Il-preservazzjoni tar-riżorsa primarja tal-enerġija hija ta' qofol għas-sostenibbiltà

Il-proġett 7 (rHYviere) - L-oġġettiv tal-proġett kien li jinbnew unitajiet żgħar għall-produzzjoni tal-enerġija idroelettrika f'reġjun f'Madagascar li fih ħafna għoljiet. Is-sostenibbiltà ta' xmajjar żgħar tal-ilma f'altitudni għolja teħtieġ ġestjoni tajba tal-flora naturali u tal-agrikoltura fil-baċir tal-iskular biex l-ilma tax-xita jkun jista' jinfiltra kontinwament is-saff ta' taħt wiċċ il-ħamrija. Fil-proġett ġew inklużi komponenti essenzjali ta' taħriġ u ta' sensitizzazzjoni u skema ambjentali utli bil-parteciġazzjoni tal-awtoritajiet biex tiġi ppreservata r-riżorsa primarja tal-enerġija (ix-xmajjar żgħar tal-ilma). Din l-iskema tinkludi sussidji għal bdiewa li jgħixu fil-baċir tal-iskular biex jippreservaw il-flora billi jadattaw il-metodi tal-biedja tagħhom, notevolment biex jiġi evitat li ssir aktar deforestazzjoni kaġun ta' qtugħ u ħruq (slash-and-burn) u ta' qtugħ tas-siġar għall-produzzjoni tal-faħam tal-kannol. Ir-riżorsi finanzjarji fuq terminu twil meħtieġa għas-sussidji għall-bdiewa lokali saru disponibbli permezz ta' imposta speċjali (2.5 %) fuq l-enerġija idroelettrika prodotta u mibjugħa lill-belt fil-wied.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

41

Aħna nikkonkludu li, fil-biċċa l-kbira, il-Kummissjoni kellha suċċess iżda setgħet għamlet użu aħjar tal-FE biex iżżid l-aċċess għal enerġija rinnovabbli għall-foqra fl-Afrika tal-Lvant.

42

Il-Kummissjoni allokat appoġġ taħt il-FE għal enerġija rinnovabbli lil proġetti li kienu pprijoritizzati tajjeb. Ġew applikati kriterji tal-għażla xierqa fis-sejnhiet għal proposti biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-prijoritajiet stabbiliti fil-FE. Madankollu, kwart mill-proġetti eżaminati ngħataw għotja minkejja li ġew identifikati dgħufijiet serji fit-tfassil matul il-proċess ta' għażla. L-inkonsistenza bejn il-punteġġi mogħtija lil dawn il-proġetti u l-kummenti analitiċi mill-assessuri jindikaw rigorożità insuffiċjenti fil-proċess ta' għażla (ara l-paragrafi 12 sa 19).

Rakkomandazzjoni 1 Għażla aktar rigoruża tal-proġetti

Meta tkun qed tagħmel użu minn sejnhiet għal proposti, matul il-proċess tal-għażla, il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ il-valutazzjoni:

- (i) tar-riskji relatati mat-tfassil tal-azzjonijiet u tal-miżuri ta' mitigazzjoni previsti;
- (ii) tal-kapaċità tas-sieħeb fir-rigward tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-proġetti.

43

Il-Kummissjoni ma mmonitorjatx il-proġetti kollha b'mod xieraq. Ir-rappurtar tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ma kienx ta' kwalità uniformi u l-appoġġ li ngħata mill-konsulent li tqabba mid-DĠ DEVCO biex itejjeb ir-rappurtar kellu effett pożittiv iżda limitat. Għal xi proġetti li esperjenzaw diffikultajiet serji fl-implimentazzjoni, il-Kummissjoni ma ħaditx miżuri xierqa u f'waqthom:

- (a) ma ppruvatx tinforza l-konformità mal-obbligi ta' rapportar stipulati fil-kuntratti tal-għotjiet;
- (b) ma għamlitx biżżejjed użu minn żjarat lil proġetti fuq il-post, mill-manijers tal-programmi fid-delegazzjonijiet tal-UE, u minn analiżijiet ta' MOR biex tikkomplementa l-informazzjoni pprovduta mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, b'mod partikolari fejn kien magħruf li l-proġetti kien ffaċċjaw diffikultajiet serji;
- (c) minkejja li kienet konxja li probabbilment xi wħud mill-proġetti eżaminati ma kinux se jiġu implimentati kif ippjanat, il-Kummissjoni ma fittxitx li tasal għal qbil dwar soluzzjoni mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jew li ttejjem il-proġetti (ara l-paragrafi 20 sa 31).

Rakkomandazzjoni 2 Tishiĥ tal-monitoraġġ tal-proġetti

Il-Kummissjoni għandha:

- (i) timmonitorja mill-qrib il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratti tal-ġhotjiet fir-rigward tal-puntwalità u l-kwalità tar-rapporti u l-evalwazzjonijiet finanzjarji u narrattivi;
- (ii) meta ma jkunx hemm konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, tis-suspendi kwalunkwe żborżament ulterjuri ta' ġhotjiet u titlob lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa;
- (iii) iżżid iż-żjarat fuq il-post mill-manigġers tal-programmi u l-MOR għal proġetti sensitivi, bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju;
- (iv) meta ma jkunx probabbli li l-proġetti jkunu se jiġu implimentati kif ippjanat, tfittex li tasal għal qbil dwar soluzzjoni mas-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni;
- (v) meta ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni, tadotta strateġija ta' ħruġ razzjonali biex ittemm il-kuntratt.

44

Il-biċċa l-kbira mill-proġetti eżaminati rnexxew u probabbilment se jkunu sostenibbli jekk il-miżuri meħtieġa previsti jiġu implimentati u l-kuntest ma jiddeterjorax wisq. Filwaqt li attivitajiet ekonomiċi ġodda damu biex jinbtu f'żoni rurali wara li wasal l-elettriku, il-kwalità tal-ħajja tan-nies kienet qed titjieb b'mod sinifikanti, b'mod partikolari permezz tal-aċċess għal servizzi pubbliċi aħjar. Kwart mill-proġetti eżaminati ma rnexxilhomx iwasslu l-maġġoranza tar-riżultati mistennija tagħhom, prinċipalment minħabba dgħufijiet fit-tfassil li ma ġewx indirizzati kif ukoll minħabba monitoraġġ inadegwat mill-Kummissjoni (ara l-paragrafi 32 sa 40).


Rakkomandazzjoni 3 Żieda fil-prospetti għas-sostenibbiltà tal-proġetti

Mal-ikkompletar ta' proġetti kumplessi, b'mod partikolari dawk li jinvolvu investimenti f'infrastrutturi, il-Kummissjoni għandha:

- (i) teħtieġ li s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jipprovdu, fir-rapport finali tagħhom, valutazzjoni tal-ħtieġa potenzjali għal assistenza teknika kontinwata għall-operaturi,
- (ii) tqis il-possibbiltà li tipprovdi finanzjament għal dan l-iskop, pereżempju permezz ta' emenda għall-kuntratt tal-ġhotja.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-6 ta' Ottubru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

Proġetti eżaminati

Nru tal-Proġett u l-isem qasir	Nru fil-CRIS	Nru tal-FE (Nru tas-Sejħa għal Proposti)	Nru tal-Proposta	Punteġġi tal-valutazzjoni tal-proposta ³ (f%)	Titolu tal-azzjoni	Pajjiż
1 Mwenga	2007/195-963	FE I	78	EE: 81,5 DUE: 86	Mwenga 3 MW hydro Power Plant	It-Tanzanija
2 Best Ray	2007/195-964	FE I	132	EE: 57 DUE: 77 it-tielet E: 72	BEST RAY (Bringing Energy Services to Tanzanian Rural Areas)	It-Tanzanija
3 Majaua	2007/195-977	FE I	46	EE: 74 DUE: 75,5	Electrificação da comunidade de Majaua	Il-Mozambique
4 Biogas	2007/195-982	FE I	244	EE: 71,5 DUE: 74	Up-scaling the smaller biogas plants for agricultural producers and processors	Il-Kenja
5 Up-scaling	2007/195-985	FE I	214	EE: 71 DUE: 83,5	Up-scaling access to integrated modern energy services for poverty reduction	It-Tanzanija
6 Bioenergelec	2007/196-004	FE I	217	EE: 65 DUE: 74 it-tielet E: 76,5	Bioenergelec (bioénergie électricité)	Madagascar
7 rHYviere	2007/196-005	FE I	144	EE: 74 DUE: 81	Programme rHYviere - Réseaux hydroélectriques villageois et respect de l'environnement	Madagascar
8 Sahambano	2007/196-009	FE I	54	EE: 69,5 DUE: 68,5	Aménagement hydroélectrique du Site de Befanaova sur la rivière Sahambano	Madagascar
9 Resouth	2007/196-014	FE I	128	EE: 72 DUE: 78,5	Electrification rurale décentralisée par énergies renouvelables dans le Sud de Madagascar (RESOUTH)	Madagascar
10 Rural electrification	2008/020-660	FE I	284	EE: 68 DUE: 78	Rural Electrification Infrastructure and Small-Scale Projects	Iż-Żambja
11 Increase access	2008/195-971	FE I	200	EE: 80 DUE: 75	Increased Access to Electricity Services	Iż-Żambja

Baġit (miljun EUR)	Kon- tribuzzjo- ni mill-UE (miljun EUR)	Perċentwal tal-Kon- tribuzzjoni mill-UE /Baġit	Deskrizzjoni qasira	Miżjur (jew eżaminat fil-pajjiż biss)	Siti miżjura
7.81	3.60	46.1 %	Installazzjoni ta' impjant idroelettriku żgħir biex jipprovdi elettriku affidabbli lil Kumpanija tat-te u lil 14-il villaġġ	iva	Proġett f'Mufindi (reġjun ta' Iringa); Laqgħat mal-awtoritajiet lokali f'Mafinga
1.50	1.13	75.3 %	Installazzjoni ta' unitajiet solari fotovoltajċi fi 8050 unità domestika (u faċilitajiet pubbliċi) li jappartjenu għal 9 villaġġi. F'xi postijiet intużaw enerġija idroelettrika mikro bi grilja żgħira u bijogass	iva	CERC u kooperattiva Mpambano f'Oldonyosambu; Ċentru għat-Taħriġ fi Mkuru; Proġett fl-Iskola Sekondarja ta' Ngarenyanuki f'Olkung'wado; Kulleġġ Tekniku ta' Arusha, f'Arusha.
2.49	1.87	75.1 %	Riabilitazzjoni ta' impjant żgħir tal-idroenerġija (attwalment meqrud) u stabbiliment ta' netwerk tal-enerġija elettrika għall-konnessjoni ta' 5000 unità domestika	le	M/A
1.97	1.22	61.9 %	Użu ta' teknoloġija tal-bijogass għal skopijiet ta' tisjir f'żoni rurali għal 330 bidwi f'5 Provinċji	le	M/A
3.05	2.29	75.0 %	Installazzjoni ta' Ċentri ta' Servizzi tal-Enerġija bi Skop Multiplu li jitħaddmu b'magni diżil li jużaw il-bijokarburanti (żejt tal-jatropha) f'120 villaġġ f'6 reġjuni	iva	Sit tal-proġett Matadi MFP - Mji Mwema, id-Distrett ta' Siha - ir-reġjun ta' Kilimandjaro; Sit għall-ħżin f'Moshi
3.16	1.96	61.9 %	Ġenerazzjoni tal-elettriku mill-bijomassa għal 6 villaġġi (f'4 reġjuni) u karbonizzazzjoni mtejbja	(iva)	Ma nżar ebda sit ² iżda l-partijiet interessati u s-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni ġew intervistati
2.30	1.73	75.1 %	Kostruzzjoni ta' 3 impjanti idroelettriċi fuq "xmara ta' skol" + grilja żgħira għall-konnessjoni ta' 8 villaġġi f'żoni rurali fil-lvant	iva	2 siti minn 3: Sahasinaka u Tolongoina
3.31	2.48	74.9 %	Kostruzzjoni ta' impjant idroelettriku fuq "xmara ta' skol" + estensjoni tal-grilja b'20 km għall-konnessjoni ta' belt waħda u 2 villaġġi	iva	Sit wieħed: Ihosy
1.16	0.87	75.0 %	Elettrifikazzjoni ta' żewġ villaġġi fir-reġjun tan-nofsinhar bl-użu ta' żewġ turbini eoliċi u unitajiet solari fotovoltajċi	(iva)	Ma nżar ebda sit ² iżda l-partijiet interessati ġew intervistati
36.51	10.00	27.4 %	Estensjoni tal-grilja u installazzjoni ta' impjant idroelettriku żgħir u ta' 2 000 unità solari għal residenzi biex jipprovdu l-elettriku lil 20 000 unità domestika, 700 skola u ċentri tas-saħħa	iva	Sit wieħed minn 2: Mumbwa
33.00	10.00	30.3 %	Estensjoni tal-grilja biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli f'żoni rurali u periurbani fiż-Żambja (65 000 benefiċjarju)	iva	3 siti minn 24: Kabwe, is-substazzjon ta' Kanyama u Kalomo

Nru tal-Proġett u l-isem qasir	Nru fil-CRIS	Nru tal-FE (Nru tas-Sejħa għal Proposti)	Nru tal-Proposta	Punteġġi tal-valutazzjoni tal-proposta ³ (f%)	Titolu tal-azzjoni	Pajjiż
12 Green energy	2011/231-578	FE II - (Sejħa 1)	60	EE: 71 DUE: 85	Community Based Green Energy Project	Il-Kenja
13 Nice Roll-out	2011/231-937	FE II - (Sejha 1)	183	EE: 47 DUE: 87 it-tielet E: 82	NICE Roll-Out	Iż-Żambja, it-Tanzanija, il-Gambja
14 Small scale solar	2011/232-092	FE II - (Sejha 1)	620	EE: 83 DUE: 81	Enabling 18.000 people to access sustainable small scale solar power in Quissanga district, Cabo Delgado	Il-Mozambique
15 Boreale	2011/280-322	FE II - (Sejha 1)	534	EE: 84 DUE: 79	Best Options for Rural Energy and Access to Light and Electricity (BOREALE)	Madagascar
16 Wood and charcoal	2012/232-680	FE II - (Sejha 1)	542	EE: 59 DUE: 87 it-tielet E: 75	Sustainable Wood and Charcoal Production in Rural Mozambique, Malawi and Tanzania	Il-Mozambique, it-Tanzanija, (il-Malawi)

Baġit (miljun EUR)	Kon- tribuzzjo- ni mill-UE (miljun EUR)	Perċentwal tal-Kon- tribuzzjoni mill-UE /Baġit	Deskrizzjoni qasira	Miżjur (jew eżaminat fil-pajjiż biss)	Siti miżjura
2.32	1.74	75.0 %	Installazzjoni ta' unitajiet solari fotovoltajċi fuq 56 skola u 32 ċentru tas-saħħa fil-Kenja rurali	le	M/A
8.44	2.50	29.6 %	Żvilupp kummerċjali permezz ta' faċilitajiet tal-ICT li jitħaddmu b'Unitajiet solari fotovoltajċi (Ċentri NICE konċessjonarji f'50 post rurali u periurbani fil-Gambja, it-Tanzanija u ż-Żambja)	le	M/A
0.79	0.59	75.0 %	4 000 unità domestika jingħataw il-possibbiltà li jkollhom aċċess għal enerġija solari fuq skala żgħira f'2 distretti	le	M/A
2.30	1.72	74.8 %	Installazzjoni ta' unitajiet solari fotovoltajċi fuq 10 skejjel u 8 ċentri tas-saħħa u 900 unità domestika fi 8 villaġġi fir-reġjun tan-nofsinhar	(iva)	Ma nżar ebda sit ² iżda l-partijiet interessati ġew intervistati
5.33	2.40	45.0 %	Bijomassa sostenibbli u effiċjenza fl-enerġija permezz tat-taħriġ ta' 2 000 unità domestika dwar it-tħawwil tas-siġar u l-kostruzzjoni ta' impjant għall-produzzjoni tal-faħam tal-kannol	iva (it-Tan-zanija)	Uffiċċji tal-Pjantaġġuni u tar-Riżorsi Ekoloġiċi f'Sao Hill (ir-reġjun ta' Iringa fit-Tanzanija)

- 1 L-implimentazzjoni tal-proġett fis-sit magħżul għal żjara kien għadu fi stadju bikri wisq (il-bini biss kien stabbilit, iżda ma kien għadu hemm installat ebda tagħmir tal-enerġija rinovabbli). L-uniku sit ikkompletat kien 'il bogħod wisq biex joqgħod fl-ippjanar tal-missjoni tagħna.
- 2 Ma nżarx minħabba raġunijiet ta' sigurtà.
- 3 Proposta vvalutata minn espert estern (EE), id-Delegazzjoni tal-UE (EUD), u f'xi każijiet mit-tielet evalwatur (it-tielet E).

Metodoloġija tal-Għoti ta' Punteġġi

Għall-iskop tal-awditu, il-punteġġi mogħtija għat-tfassil, ir-riżultati u s-sostenibbiltà potenzjali ġew determinati fuq il-bażi tal-metodoloġija ta' Monitoraġġ Orjentat Lejn ir-Riżultati (MOR) tal-Kummissjoni. Il-kriterji użati huma elenkati hawn taħt:

Tfassil

- A Il-kunċett tal-proġett (inkluża t-teknoloġija magħżula) huwa realistiku u rilevanti fil-kuntest. Ir-riskji u l-limitazzjonijiet lokali huma identifikati tajjeb u l-miżuri ta' mitigazzjoni li għandhom jiġu implimentati huma spjegati b'mod eżawrjenti. Qafas loġiku, ċar u strutturat tajjeb, objettivi SMART (il-punteġġ ma jiġix affettwat jekk iċ-ċifri tal-linja bażi u dawk immirati jkun għad iridu jiġu rfinati wara l-istudju ta' fattibbiltà), indikaturi adegwati tal-prestazzjoni huma proposti.
- B Loġika ta' intervent adegwata. Ommisjoniġiet/dubji huma nnutati fir-rigward tal-kunċett jew tat-teknoloġija magħżula, ir-riskji u l-limitazzjonijiet elenkati mhumiex eżawrjenti u/jew il-mitigazzjoni tagħhom mhijiex kompletament konvinċenti. L-objettivi u/jew l-indikaturi jeħtieġu modifiki.
- C Il-loġika ta' intervent turi problemi li jistgħu jaffettwaw ir-riżultati mistennija b'mod sostanzjali, kwistjonijiet/problemi huma nnutati fir-rigward tal-elementi elenkati hawn fuq.
- D Il-loġika ta' intervent hija difettuża u tnaqqas ħafna l-possibbiltà ta' suċċess għall-proġett, jew kwistjonijiet/problemi kbar se jipperikolaw il-proġett.

Riżultati

- A Ir-riżultati kollha twasslu, jew probabbilment se jitwasslu bi kwalità tajba u jikkontribwixxu għall-eżiti skont kif ippjanat, l-attivitajiet huma mmonitorjati regolarment u implimentati skont l-iskeda (ebda dewmien ma huwa nnutat jew inkella dan huwa minuri u spjegat b'mod loġiku).
- B It-twassil tar-riżultati huwa, u probabbilment se jkun, skont il-pjan, iżda hemm lok għal titjib f' termini ta' kwalità, ta' kkompletar tal-kwantità mistennija u ta' twaqqit. Madankollu, id-dewmien ma jaffettwax ħażin it-twassil tar-riżultati.
- C Xi riżultati ma jitwasslux/mhux se jitwasslu fil-ħin, skont il-kwantità mistennija jew bi kwalità tajba. Miżuri korrettivi huma meħtieġa. Hemm dewmien fl-attivitajiet u dawn huma kemxejn skonnessi mil-loġika u mill-pjanijiet ta' intervent.
- D Il-kwalità u t-twassil tar-riżultati għandhom, jew probabbilment se jkollhom, deficienzi serji. Aġġustamenti maġġuri huma meħtieġa biex jiġi żgurat li mill-inqas jitwasslu r-riżultati ta' qofol. Dewmien serju u attivitajiet skonnessi b'mod fundamentali mil-loġika u mill-pjanijiet ta' intervent. Jista' jkun meħtieġ li tiġi prevista strateġija ta' ħruġ biex jiġu limitati problemi ulterjuri.

Sostenibbiltà

- A Ir-riżultati se jkunu sostenibbli fit-terminu twil u replikazzjoni potenzjali hija żgurata minn kuntest favorevoli u/jew mill-miżuri assoċjati stabbiliti mill-proġett jew minn interventi oħra.
- B Huwa probabbli ħafna li r-riżultati (jew il-biċċa l-kbira minnhom) se jkunu sostenibbli fit-terminu twil jekk il-miżuri meħtieġa previsti jiġu implimentati skont il-pjanijiet u/jew il-kuntest ma jiddeterjorax wisq.
- C Huwa probabbli li r-riżultati (jew il-biċċa l-kbira minnhom) mhux se jkunu sostenibbli fit-terminu medju jew fit-terminu twil jekk il-miżuri meħtieġa previsti ma jiġux rinforzati jew ikkomplementati kif xieraq, speċjalment jekk il-kuntest ikollu t-tendenza li jiddeterjora.
- D Huwa probabbli ħafna li r-riżultati (jew il-biċċa l-kbira minnhom) mhux se jkunu sostenibbli fit-terminu medju, irrispettivament mill-miżuri li jittieħdu fil-kuntest prevalenti.

Proġetti tal-EUEI PDF u s-Setturi Fokali tal-11-il FEŻ skont il-pajjiż

Pajjiż	FAĊILITÀ TA' DJALOGU U TA' SĦUBIJA (PDF) TAL-EUEI			
	Politiki eżistenti relatati mal-enerġija	Proġett tal-PDF fis-Settur tal-enerġija (deskrizzjoni)	Partijiet interessati	Dati
Il-Burundi	Jannar 2011 (+ Pjan għall-elettrifikazzjoni rurali 1993, rivedut fl-1997)	Assistenza għall-Ministeru tal-Enerġija u l-Minjieri fl-iżvilupp ta' politika nazzjonali għas-settur tal-enerġija kif ukoll strateġija ta' implimentazzjoni u pjan ta' investiment	Il-Ministeru tal-Enerġija u l-Minjieri	Novembru 2009 - April 2011
Djibouti	2005	Assistenza għall-Ministeru tal-Enerġija responsabbli għar-Riżorsi Naturali (MERN) fil-formulazzjoni ta' Strateġija Nazzjonali u Pjan ta' Azzjoni għas-settur tal-elettriku, kif ukoll thejjiġa ta' abbozz ta' liġi dwar l-elettriku	Ministeri, Electricité de Djibouti (Elettriku ta' Djibouti) - sħab tekniċi u finanzjarji, donaturi	Novembru 2012 - Lulju 2014
L-Eritrea	1997	-	-	-
L-Etjopja	1994 (riveduta fl-2012)	Assistenza għall-Gvern Etjopjan fl-artikolazzjoni ta' viżjoni ċara fuq terminu twil għall-enerġija tal-bijomassa u l-formulazzjoni ta' strateġija u pjan ta' azzjoni għall-enerġija tal-bijomassa	Il-Ministeru tal-Ilma, l-Irrigazzjoni u l-Enerġija	Lulju 2012 - Frar 2014
Il-Kenja	2004 (riveduta fl-2014)	Tfassil ta' intervent ta' appoġġ li se jiġi implimentat permezz ta' esperti bi snin twal ta' esperjenza li se jipprovdu servizzi ta' konsulenza diretti rigward il-qafas regolatorju għall-ġenerazzjoni, b'enerġija rinnovabbli, tal-elettriku fuq skala żgħira u fuq il-grilja	Il-Ministeru tal-Enerġija	Jannar 2013 - Marzu 2014
Madagascar	1974 (saret liġi fl-1998)	Aġġornament tal-politika u tal-istrateġija nazzjonali tal-enerġija ta' Madagascar u t-thejjiġa għal strateġija għas-settur tal-enerġija ta' Madagascar	Il-Ministeru tal-Enerġija	Lulju 2014 - Lulju 2015
Il-Malawi	2003 (riveduta fl-2009)	Appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġija tal-enerġija tal-bijomassa biex jiġi żgurat provvista sostenibbli ta' enerġija tal-bijomassa u biex jiġi promoss l-aċċess għal fjuwils moderni tat-tisjir u għal teknoloġiji effiċjenti għall-kombustjoni tal-bijomassa	Id-Dipartiment tal-Enerġija	Frar 2008 - Frar 2009
Il-Mozambique	1998 (riveduta fl-2009 u fl-2011)	Appoġġ għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali tal-enerġija tal-bijomassa, b'fokus partikolari fuq il-katina ta' provvista tal-faħam tal-kannol u li tindirizza kemm in-naħa tal-provvista kif ukoll in-naħa tad-domanda	Il-Ministeru tal-Enerġija u d-Direttorat Nazzjonali għal Enerġija Ġdida u Rinnovabbli	Jannar 2011 - Diċembru 2012

II-11-il FEŻ

(Setturi fokali u baġit smat, adottat jew li probabbilment jiġi adottat, fi żmien l-awditu)

Settur Fokali 1	Baġit (miljun EUR)	Settur Fokali 2	Baġit (miljun EUR)	Settur Fokali 3	Baġit (miljun EUR)	Settur Fokali 4	Baġit (miljun EUR)	Mhux fokali	Baġit (miljun EUR)	TOTAL TAL-BAĠIT (miljun EUR)
Żvilupp Rurali Sostenibbli għan-Nutrizzjoni	80	Saħħa	87	Stat tad-Dritt u Fraġilità	143	Enerġija	105	Soċjetà Ċivili	17	432
Ilma, Sanità u Skart Solidu	52	Sigurtà alimentari	35					Soċjetà Ċivili u Appoġġ mill-NAO	18	105
Enerġija - (mhux deċiż iżda mix-tieqa mill-Gvern)		Agrikoltura		Governanza Ekonomika						0
Agrikoltura Sostenibbli u Sigurtà Alimentari	252	Saħħa	200	Toroq u Tranżizzjoni għall-Enerġija	230			Soċjetà Ċivili	63	745
Sigurtà Alimentari u Reżiljenza għal Xokkijiet tal-Klima	190	Infrastruttura Sostenibbli (Trasport u Enerġija)	175	Obbligu ta' rendikont tal-Istituzzjonijiet Pubbliċi	60		60	Appoġġ min-NAO	10	495
Governanza u Istituzzjonijiet	143	Żvilupp rurali	140	Infrastruttura (Żieda fl-Access għall-Enerġija għall-Iżvilupp Rurali)	230			NAO u TCF	5	518
Governanza	120	Edukazzjoni	110	Agrikoltura	250			Soċjetà Ċivili	30	510
Governanza Tajba u Żvilupp	367	Żvilupp rurali (inkluża l-Enerġija: EUR 50 miljun)	330							697

Pajjiż	FAĊILITÀ TA' DJALOGU U TA' SĦUBIJA (PDF) TAL-EUEI			
	Politiki eżistenti relatati mal-enerġija	Proġett tal-PDF fis-Settur tal-enerġija (deskrizzjoni)	Partijiet interessati	Dati
Ir-Rwanda	2004 (riveduta fl-2009)	Appoġġ għall-iżvilupp ta' politiki u strateġiji għas-subsettur tal-enerġija ġeotermali u appoġġ għall-qafas istituzzjonali, legali u regolatorju għall-enerġija ġeotermali b'fokus partikolari fuq possibiltajiet għall-involvement tas-settur privat	Il-Ministeru tal-Infrastruttura	Diċembru 2013 - Jannar 2015
It-Tanzanija	1992 (riveduta fl-2003 u fl-2014)	Assistenza għall-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali tal-enerġija tal-bijomassa li tidentifika mezzi għall-iżgurar ta' provvista aktar sostenibbli ta' enerġija tal-bijomassa; iż-żieda fil-produzzjoni u fl-effiċjenza tal-użu; il-promozzjoni tal-aċċess għal sorsi alternattivi ta' enerġija; u l-iżgurar ta' ambjent istituzzjonali li jippermetti l-implimentazzjoni	Il-Ministeru tal-Finanzi	Marzu 2012 - April 2014
L-Uganda	2002 (riveduta fl-2007)	Żvilupp ta' sett ta' rakkomandazzjonijiet u lista ta' proġetti potenzjali tal-enerġija li għandhom jiġu appoġġati taħt is-SE4ALL (Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd)	Il-Ministeru tal-Enerġija, kumpaniji privati, is-soċjetà ċivili, sħab fl-iżvilupp	Mejju 2012 - Ġunju 2012
Iż-Żambja	1994 (riveduta fl-2008)	Organizzazzjoni ta' proċess konsultattiv għall-integrazzjoni tal-aċċess għal servizzi tal-enerġija fil-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali u l-Viżjoni Nazzjonali fuq Terminu Twil	Il-Ministeru tal-Iżvilupp tal-Enerġija u l-Ilma	Settembru 2005 - Awwissu 2006
L-Afrika tal-Lvant		Valutazzjoni tal-Kapaċità għal Titjib fl-Aċċess għal Enerġija Moderna fl-Afrika tal-Lvant	Komunità tal-Afrika tal-Lvant	Novembru 2010 - Lulju 2011

II-11-il FEŻ



(Setturi fokali u baġit stmat, adottat jew li probabbilment jiġi adottat, fi żmien l-awditu)



Settur Fokali 1	Baġit (miljun EUR)	Settur Fokali 2	Baġit (miljun EUR)	Settur Fokali 3	Baġit (miljun EUR)	Settur Fokali 4	Baġit (miljun EUR)	Mhux fokali	Baġit (miljun EUR)	TOTAL TAL-BAĠIT (miljun EUR)
Agrikoltura Sos- tenibbli u Sigurtà Alimentari	200	Enerġija sostenibbli	200	Governanza b'Obbligu ta' Rendikont	40			Soċjetà Ċivili	20	460
Governanza Tajba u Żvilupp	291	Enerġija	180	Agrikoltura sostenibbli	140			Soċjetà Ċivili	15	626
Infrastruttura tat-Trasport (L-enerġija tista' tiġi inkluża wara analiżi ta' nofs it-terminu)	230	Sigurtà Alimentari u Agrikoltura	130	Governanza Tajba	168			Soċjetà Ċivili	50	578
Enerġija	244	Agrikoltura	110	Governanza	100			Appoġġ min-NAO	30	484
M/A										

Perjodu ta' implimentazzjoni, objettivi u kisbiet tal-proġetti eżaminati

Nru tal-Proġett u isem qasir	Nru tal-FE (Nru tas-Sejħa għal Proposti)	Titolu tal-azzjoni	Pajjiż	Data tal-bidu	Data tat-tmiem
1 Mwenga	FE I	Mwenga 3 MW hydro Power Plant	It-Tanzanija	22.12.2007	22.12.2012
2 Best Ray	FE I	BEST RAY (Bringing Energy Services to Tanzanian Rural Areas)	It-Tanzanija	1.4.2008	30.6.2011
3 Majaua	FE I	Electrificação da comunidade de Majaua	Il-Mozambique	1.12.2007	30.11.2012
4 Biogas	FE I	Up-scaling the smaller biogas plants for agricultural producers and processors	Il-Kenja	1.1.2008	1.1.2011
5 Up-scaling	FE I	Up-scaling access to integrated modern energy services for poverty reduction	It-Tanzanija	1.1.2008	30.6.2014
6 Bioenergelec	FE I	Bioenergelec (bioénergie électricité)	Madagascar	1.4.2008	31.12.2015
7 rHYviere	FE I	Programme rHYviere - Réseaux hydroélectriques villageois et respect de l'environnement	Madagascar	7.1.2008	30.12.2015
8 Sahambano	FE I	Aménagement hydroélectrique du Site de Befanaova sur la rivière Sahambano	Madagascar	1.3.2008	31.12.2014
9 Resouth	FE I	Electrification rurale décentralisée par énergies renouvelables dans le Sud de Madagascar (RESOUTH)	Madagascar	1.1.2008	1.1.2013
10 Rural electrification	FE I	Rural Electrification Infrastructure and Small-Scale Projects	Iż-Żambja	10.3.2008	31.12.2015

Estensjonijiet (f'xhur)	% ta' estensjoni	Ġustifikazzjoni għall-estensjoni	Objettivi inizjali emendati - (Kisbiet)
inizjali: 60 xahar ebda estensjoni	0 %	m/a	Le - (il-benefiċjarji kienu 14 345 minflok l-24 700 mistennija (58 %) iżda ċ-ċifra qed tiżdied.)
Inizjali: 36 xahar - estiż: 39 xahar	8 %	Estensjoni ġġustifikata mill-ħtieġa li l-attivitajiet ta' qofol tal-proġett jiġu kkompletati aħjar, b'fokus prinċipalment fuq l-aspetti istituzzjonali u tas-sostenibbiltà.	Le - (il-benefiċjarji kienu 7 600 minflok it-8 050 mistennija, jew 94,4 %)
Inizjali: 36 xahar - estiż: 60 xahar	67 %	Intalbu total ta' tliet estensjonijiet iżda l-aħħar waħda (li pproponiet li l-proġett jiġi estiż sat-30.11.2013) gjet irrifjutata mid-DUE.	Le - (fl-2014, id-DUE stmat li l-konnessjonijiet kienu bejn wieħed u ieħor 500; il-mira ta' 5 000 għandha tintlaħaq f'madwar 3 snin)
inizjali: 36 xahar - estiż għal 45 xahar	25 %	Biex l-objettivi li jistgħu jintlaħqu jiġu kkompletati fi ħdan il-bagjit.	Le - (inizjali: kostruzzjoni ta' 350 diġestur - tmiem il-proġett: inbnew 765)
Inizjali: 60 xahar - estiż: 78 xahar	23 %	Biex kemm jista' jkun il-programm jitwettaq skont kif ipplanat	Iva - 200 MPESC (ċentru għas-servizzi tal-enerġija polivalenti) -> 125 (11 biss installati f'Ġunju 2013)
inizjali: 36 xahar - estiż għal 81 xahar	125 %	Problema kuntrattwali mas-šhab (9 xhur) Studju preliminari (9 xhur). Thejjiġa tad-DAO (mhux ipplanata) u negozjati AGMIN - ADER (Jannar 2010 - Diċembru 2011) - it-tagħmir tal-ERD ma wasalx kollu (nieqes fi 3 siti minn 5)- kwistjonijiet kuntrattwali ADMIN-ADER (kuntratt iffirmat fid-9.1.2012)	Iva - inizjali: 5 siti 80-100 kW (400-500 kW), objettivi f'Ottubru 2014: 4 siti 70 kW (280 kW) - baġit im-naqqas b'EUR 100 000 - (sit wieħed biss mgħammar fi żmien l-awditu)
inizjali: 48 xahar - estiż: 84 xahar	75 %	Rider 1 - Sitwazzjoni politika (12il-xahar) Rider 3: ċikluni fir-reġjun u ristrutturar tal-ADER (12-il xahar) Rider 4-5: Żmien ta' rispons tal-bank għal selfa lil investitur privat (Tectra) għax-xiri ta' turbina + serq tal-kejbils fil-faċilitajiet tal-port (6+6 xhur)	Iva - inizjali: 3 siti: T: 2x60, S:3x80 A:3x80: 600 kW - objettivi f'Ottubru 2014: 3 siti T: 2x50, S:2x65 A:2x330: 890 kW - (2 siti kkompletati fi żmien l-awditu)
Inizjali: 30 xahar - estiż: 82 xahar	173 %	Nuqqas ta' deċizzjoni dwar l-iżvilupp tas-sit: 12-il possibbiltà teknika, maniġer tal-proġett ġdid minn Zecca fl-2009, instabbiltà politika, temp ħażin, dewmien biex jinkiseb il-permess ta' konċessjoni, eżenzjoni mit-taxxa, permess biex tintuża d-dinamite għat-tħaffir tal-kanal.	Iva - (Inizjali: 460 kW - objettivi f'Ottubru 2014: 700 kW)
inizjali: 60 xahar ebda estensjoni	0 %	m/a	Le - (Inizjali: 5 000 benefiċjarju -> 5 500)
Inizjali: 70 xahar - estiż: 94 xahar	34 %	Studju ta' fattibbiltà, tnedija mill-ġdid ta' CfTenders falluti, dewmien biex jasal il-materjal/it-tagħmir, kapaċità insuffiċjenti tas-šhab lokali u tal-kuntratturi tax-xogħlijiet	Le - (L-objettivi mhumie se jintlaħqu fi tmiem il-proġett iżda se jkompli ikun hemm progress wara)

 qabżu jew probabbilment kienu se jaqzbu l-miri inizjali tagħhom
 probabbilment ma kinux se jissodisfaw il-miri tagħhom iżda l-outputs kienu għadhom raġonevoli

 kienu ssodisfaw jew probabbilment kienu se jissodisfaw il-miri tagħhom
 kienu naqsu milli jwasslu l-outputs mistennija


Nru tal-Proġett u isem qasir	Nru tal-FE (Nru tas-Sejħa għal Proposti)	Titolu tal-azzjoni	Pajjiż	Data tal-bidu	Data tat-tmiem
11 Increase access	FE I	Increased Access to Electricity Services	Iż-Żambja	11.12.2008	15.12.2015
12 Green energy	FE II (Sejħa 1)	Community Based Green Energy Project	Il-Kenja	1.11.2011	31.10.2015
13 Nice Roll-out	FE II (Sejha 1)	NICE Roll-Out	Iż-Żambja, it-Tanzanija, il-Gambja	30.9.2011	30.9.2015
14 Small scale solar	FE II (Sejha 1)	Enabling 18.000 people to access sustainable small scale solar power in Quissanga district, Cabo Delgado	Il-Mozambique	20.7.2011	19.9.2014
15 Boreale	FE II (Sejha 1)	Best Options for Rural Energy and Access to Light and Electricity (BOREALE)	Madagascar	1.3.2012	28.2.2017
16 Wood and charcoal	FE II (Sejha 1)	Sustainable Wood and Charcoal Production in Rural Mozambique, Malawi and Tanzania	Il-Mozambique, it-Tanzanija, (il-Malawi)	19.3.2012	31.7.2015

Estensjonijiet (f'xhur)	% ta' estensjoni	Ġustifikazzjoni għall-estensjoni	Objettivi inizjali emendati - (Kisbiet)
Inizjali: 60 xahar - estiż: 84 xahar	40 %	Studju ta' fattibbiltà, id-durata u l-kumplessità tal-proċedura ta' akkwist stmati b'mod insuffiċjenti mis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, kapaċità insuffiċjenti tas-sħab lokali	Le - (Il-biċċa l-kbira mill-outputs mistennija probabbilment se jinkisbu fi tmiem il-perjodu ta' prestazzjoni rivedut)
inizjali: 48 xahar ebda estensjoni	0 %	m/a	Iva - (inizjalment 56 skola u 32 ċentru tas-saħħa; fl-2014, 88 skola u 42 ċentru tas-saħħa mgħammra b'unitajiet solari fotovoltajċi)
inizjali: 48 xahar ebda estensjoni	0 %	m/a	Le - (ċentru wieħed biss installat minn 50, il-proġett waqaf minħabba l-likwidazzjoni tas-sieħeb)
Inizjali: 36 xahar - estiż: 38 xahar	6 %	Dewmien biex waslu l-parts tal-bdil.	Le ² - (il-benefiċjarji kienu 14 760 minflok it-18 000 mistennija, jew 82 %)
Inizjali: 48 xahar - estiż: 60 xahar	25 %	Studju soċjoekonomiku disponibbli sena wara l-bidu tal-proġett	Iva - l-alternattiva ta' turbina eolika kkanċellata u 7 villaġġi għandhom jiġu mgħammra minflok 8.
inizjali: 39 xahar ebda estensjoni	0 %	m/a	Le - iżda ftit hemm tama li l-komponent tal-faħam tal-kannol se jiġi realizzat


1 Fil-proposta kienu ppjanati sitt siti. Iżda fil-kuntratt tal-għotja, l-għadd ta' siti tnaqqas għal 5.

2 Fil-proposta kienu ppjanati 25 000 benefiċjarju. Iżda fil-kuntratt tal-għotja, l-għadd ta' benefiċjarji tnaqqas għal 18 000.

 qabżu jew probabbilment kienu se jaqzbu l-miri inizjali tagħhom

 probabbilment ma kinux se jissodisfaw il-miri tagħhom iżda l-outputs kienu għadhom raġonevoli

 kienu ssodisfaw jew probabbilment kienu se jissodisfaw il-miri tagħhom

 kienu naqsu milli jwasslu l-outputs mistennija

Monitoraġġ tal-proġetti eżaminati

Nru tal-Proġett u isem qasir	Nru tal-FE (Nru tas-Sejħa għal Proposti)	Titlu tal-azzjoni	Pajjiż	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	Durata tal-proġett (snin)
1 Mwenga	FE I	Mwenga 3 MW hydro Power Plant	It-Tanzanija	22.12.2007	22.12.2012	5.0
2 Best Ray	FE I	BEST RAY (Bringing Energy Services to Tanzanian Rural Areas)	It-Tanzanija	1.4.2008	30.6.2011	3.2
3 Majaua	FE I	Electrificação da comunidade de Majaua	Il-Mozambique	1.12.2007	30.11.2012	5.0
4 Biogas	FE I	Up-scaling the smaller biogas plants for agricultural producers and processors	Il-Kenja	1.1.2008	1.1.2011	3.0
5 Up-scaling	FE I	Up-scaling access to integrated modern energy services for poverty reduction	It-Tanzanija	1.1.2008	30.6.2014	6.5
6 Bioenergelec	FE I	Bioenergelec (bioénergie électricité)	Madagascar	1.4.2008	31.12.2015	7.8
7 rHYviere	FE I	Programme rHYviere - Réseaux hydroélectriques villageois et respect de l'environnement	Madagascar	7.1.2008	30.12.2015	8.0
8 Sahambano	FE I	Aménagement hydroélectrique du Site de Befanaova sur la rivière Sahambano	Madagascar	1.3.2008	31.12.2014	6.8
9 Resouth	FE I	Electrification rurale décentralisée par énergies renouvelables dans le Sud de Madagascar (RESOUTH)	Madagascar	1.1.2008	1.1.2013	5.0
10 Rural electrification	FE I	Rural Electrification Infrastructure and Small-Scale Projects	Iż-Żambja	10.3.2008	31.12.2015	7.8
11 Increase access	FE I	Increased Access to Electricity Services	Iż-Żambja	11.12.2008	15.12.2015	7.0
12 Green energy	FE II - (Sejħa 1)	Community Based Green Energy Project	Il-Kenja	1.11.2011	31.10.2015	4.0

Evalwazzjonijiet obligatorji			MOR	Danish Management Group (DMG)			
Nofs it-terminu	Finali (ppjanati)	Linja speċifika fil-baġit		# ta' Rapport narrattivi tal-IP	# ta' analiżijiet tad-DMG	Dewmien għall-analiżi tar-rapport tal-IP	Rapport analizzat l-aktar reċenti? (Is-sena tal-NR)
le	le	iva (tissemma' biss dik finali)	Ġunju 2011 Ġunju 2013	12	11	1-16-il xhur	iva (2012)
Marzu 2010	Awwissu 2011	iva (total ta' EUR 2 500 biss)	le	12	7	0,5-7 xhur	iva (2011)
le	Frar 2014	L-anness tal-baġit ma ġiex riċevut	Ottubru 2013	5	3	1,3-10 xhur	le (2014)
April 2010	Novembru 2011	iva (MTE + Finali)	Novembru 2009	7	7	0-7 xhur	iva (2011)
le	le	iva (MTE + Finali)	Ġunju 2013	6	3	4-10 xhur	le (2014)
Marzu 2013	(Tmiem I-2015)	iva (MTE + Finali)	le	6	2	6-13-il xhur	le (2013)
Ottubru 2011	(Tmiem I-2015)	iva (MTE + Finali)	Settembru 2011 Ottubru 2013	6	3	6-18-il xhur	le (2013)
le	(Tmiem I-2015)	iva (MTE + Finali)	le	3	1	9 xhur	le (2014)
Frar 2011	Marzu 2013 (<i>ex post</i> fi tmiem I-2015)	iva (MTE + Finali)	Settembru 2011 Settembru 2013	5	4	3,5-9 xhur	le (2012)
Lulju 2013	le	iva (MTE + Finali)	Mejju 2010	34	1	1,5 xhur	le (2013)
Diċembru 2011, Jannar 2012	le	iva (MTE + Finali)	le	16	5	1-4 xhur	le (2014)
Novembru 2013	le	iva (MTE + Finali)	Diċembru 2013	5	2	4 xhur	le (2014)

Nru tal-Proġett u isem qasir	Nru tal-FE (Nru tas-Sejħa għal Proposti)	Titlu tal-azzjoni	Pajjiż	Data tal-bidu	Data tat-tmiem	Durata tal-proġett (snin)
13 Nice Roll-out	FE II - (Sejha 1)	NICE Roll-Out	lż-Żambja, it-Tanzanija, il-Gambja	30.9.2011	30.9.2015	4.0
14 Small scale solar	FE II - (Sejha 1)	Enabling 18.000 people to access sustainable small scale solar power in Quissanga district, Cabo Delgado	Il-Mozambique	20.7.2011	19.9.2014	3.2
15 Boreale	FE II - (Sejha 1)	Best Options for Rural Energy and Access to Light and Electricity (BOREALE)	Madagascar	1.3.2012	28.2.2017	5.0
16 Wood and charcoal	FE II - (Sejha 1)	Sustainable Wood and Charcoal Production in Rural Mozambique, Malawi and Tanzania	Il-Mozambique, it-Tanzanija, (il-Malawi)	19.3.2012	31.7.2015	3.4

Evalwazzjonijiet obligatorji			MOR	Danish Management Group (DMG)			
Nofs it-terminu	Finali (ppjanati)	Linja speċifika fil-baġit		# ta' Rapport narrattivi tal-IP	# ta' analiżijiet tad-DMG	Dewmien għall-analiżi tar-rapport tal-IP	Rapport analizzat l-aktar reċenti? (Is-sena tal-NR)
m/a	m/a	le	le	2	2	1-7 xhur	iva (2012)
Ottubru 2013	Awwissu 2014	iva (MTE)	Lulju 2012	4	3	1,5-2 xhur	le (2014)
Tmiem I-2015	le	iva (MTE + Finali)	le	3	3	4-5 xhur	iva (2013)
le	le	iva (MTE + Finali)	Ottubru 2013	5	2	1-4 xhur	iva (2014)

Punteġġi mogħtija lill-proġetti eżaminati

Nru tal-Proġett u isem qasir	Nru tal-FE (Nru tas-Sejħa għal Proposti)	Titulu tal-azzjoni	Pajjiż	Kontribuzzjoni mill-UE (miljun EUR)	Deskrizzjoni qasira	Tfassil	Riżultati	Sostenibbiltà
1 Mwenga	FE I	Mwenga 3 MW hydro Power Plant	It-Tanzanija	3.60	Installazzjoni ta' impjant idroelettriku żgħir biex jipprovdi elettriku affidabbli lil Kumpanija tat-te u lil 14-il villaġġ	● A	● B	● B
2 Best Ray	FE I	BEST RAY (Bringing Energy Services to Tanzanian Rural Areas)	It-Tanzanija	1.13	Installazzjoni ta' unitajiet solari fotovoltajċi fi 8 050 unità domestika li jappartjenu għal 9 villaġġi	● B	● B	● B
3 Majaua	FE I	Electrificação da comunidade de Majaua	Il-Mozambique	1.87	Riabilitazzjoni ta' impjant żgħir tal-idroenerġija (attwalment meqrud) u stabbiliment ta' netwerk tal-enerġija elettrika għall-konnessjoni ta' 5000 unità domestika	● A	● B	● B
4 Biogas	FE I	Up-scaling the smaller biogas plants for agricultural producers and processors	Il-Kenja	1.22	Użu ta' teknoloġija tal-bijogass għal skopijiet ta' tisjir f'żoni rurali għal 330 bidwi f'5 Provinċji	● B	● A	● B
5 Up-scaling	FE I	Up-scaling aċċess to integrated modern energy services for poverty reduction	It-Tanzanija	2.29	Installazzjoni ta' Ċentri ta' Servizzi tal-Enerġija bi Skop Multiplu li jitħaddmu b'magni diżil li jużaw il-bijokarburanti (żejt tal-jatropha) f'120 villaġġ f'6 reġjuni	● C	● D	m/a
6 Bioenergelec	FE I	Bioenergelec (bio-énergie électricité)	Madagascar	1.96	Ġenerazzjoni tal-elettriku mill-bijomassa għal 6 villaġġi (f'4 reġjuni) u karbonizzazzjoni mtejba	● D	● D	m/a
7 rHYviere	FE I	Programme rHYviere - Réseaux hydroélectriques villageois et respect de l'environnement	Madagascar	1.73	Kostruzzjoni ta' 3 impjanti idroelettriċi fuq "xmara ta' skol" + grilja żgħira għall-konnessjoni ta' 8 villaġġi f'żoni rurali fil-lvant	● A	● B	● B
8 Sahambano	FE I	Aménagement hydroélectrique du Site de Befanaova sur la rivière Sahambano	Madagascar	2.48	Kostruzzjoni ta' impjant idroelettriku fuq "xmara ta' skol" + estensjoni tal-grilja b'20 km għall-konnessjoni ta' belt waħda u 2 villaġġi	● A	● B	● B
9 Resouth	FE I	Electrification rurale décentralisée par énergies renouvelables dans le Sud de Madagascar (RESOUTH)	Madagascar	0.87	Elettrifikazzjoni ta' 2 villaġġi fir-reġjun tan-nofsinhar bl-użu ta' 2 turbini eoliċi u unitajiet solari fotovoltajċi	● B	● B	● C

● Kriterju ssodisfat
 ● Dgħufijiet serji
 m/a Mhux applikabbli
● Dgħufijiet minuri
 ● Kriterju mhux issodisfat

Nru tal-Proġett u isem qasir	Nru tal-FE (Nru tas-Sejħa għal Proposti)	Titolu tal-azzjoni	Pajjiż	Kontribuzzjoni mill-UE (miljun EUR)	Deskrizzjoni qasira	Tfassil	Riżultati	Sostenibbiltà
10 Rural electrification	FE I	Rural Electrification Infrastructure and Small-Scale Projects	Iż-Żambja	10.00	Estensjoni tal-grilja u installazzjoni ta' impjant idroelettriku żgħir u ta' 2 000 unità solari għal residenzi biex jipprovdu l-elettriku lil 20 000 unità domestika, 700 skola u ċentri tas-saħħa	● B	● B	● B
11 Increase aċċess	FE I	Increased Access to Electricity Services	Iż-Żambja	10.00	Estensjoni tal-grilja biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'żoni rurali u periurbani fiż-Żambja (65 000 benefiċjarju)	● B	● B	● B
12 Green energy	FE II (Sejħa 1)	Community Based Green Energy Project	Il-Kenja	1.74	Installazzjoni ta' unitajiet solari fotovoltajċi fuq 56 skola u 32 ċentru tas-saħħa fil-Kenja rurali	● B	● A	● B
13 Nice Roll-out	FE II (Sejħa 1)	NICE Roll-Out	Iż-Żambja, it-Tanzanija, il-Gambja	2.50	Żvilupp kummerċjali permezz ta' faċilitajiet tal-ICT li jitħaddmu b'Unitajiet solari fotovoltajċi (Ċentri NICE konċessjonarji f'50 post rurali u periurbani fil-Gambja, it-Tanzanija u ż-Żambja)	● D	● D	m/a
14 Small scale solar	FE II (Sejħa 1)	Enabling 18.000 people to aċċess sustainable small scale solar power in Quissanga district, Cabo Delgado	Il-Mozambique	0.59	4 000 unità domestika jingħataw il-possibbiltà li jkollhom aċċess għal enerġija solari fuq skala żgħira f'2 distretti	● B	● B	● B
15 Boreale	FE II (Sejħa 1)	Best Options for Rural Energy and Access to Light and Electricity (BOREALE)	Madagascar	1.72	Installazzjoni ta' unitajiet solari fotovoltajċi fuq 10 skejjet u 8 ċentri tas-saħħa u 900 unità domestika fi 8 villaġġi fir-reġjun tan-nofsinar	● B	● B	● B
16 Wood and charcoal	FE II (Sejħa 1)	Sustainable Wood and Charcoal Production in Rural Mozambique, Malawi and Tanzania	Il-Mozambique, it-Tanzanija, (il-Malawi)	2.40	Bijomassa sostenibbli u effiċjenza fl-enerġija permezz tat-taħriġ ta' 2 000 unità domestika dwar it-tħawwil tas-siġar u l-kostruzzjoni ta' impjant għall-produzzjoni tal-faħam tal-kannol	● C	● D	m/a

Didaskalija: Abbażi tal-metodoloġija tal-għoti ta' punteġġi fl-Anness II, ġew stabbiliti dawn il-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

- Kriterju ssodisfat
- Dgħufijiet serji
- Dgħufijiet minuri
- Kriterju mhux issodisfat
- m/a Mhux applikabbli

Sommarju eżekuttiv

III

Il-Kummissjoni hi sodisfatta bil-konklużjoni tal-Qorti. Il-ħolqien tal-FE ppermetta lill-Kummissjoni biex għall-ewwel darba tindirizza b'mod sostanzjali l-kwistjoni tal-aċċess għall-enerġija fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha, fil-kuntest tal-ħtiġijiet enormi (USD 48 biljun/sena) fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw¹. Il-Kummissjoni użat il-FE b'mod effettiv u kif juri r-rapport tal-Qorti, il-biċċa l-kbira tal-proġetti eżaminati rnexxew u għandhom prospetti tajbin ta' sostenibbiltà. Din hi kisba eċċezzjonali meta wieħed jikkunsidra l-kuntest diffiċili li fih se tiġi implimentata l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Kien biss kwart tal-proġetti eżaminati li ma tax ir-riżultati mistennija. In parti dan kien dovut għal ċirkostanzi kuntrarji li kkontestaw it-tifsila tal-bidu tal-proġetti u xejnu kwanlunkwe sforz biex jitaffew r-riskji previsti. Il-Kummissjoni hija konxja wkoll li hemm lok għal xi titjib, speċjalment fir-rigward tal-monitoraġġ ta' proġetti f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni diġà ħadet xi miżuri u se ġgħib aktar titjib kif rakkomandat mill-Qorti.

IV

Il-Kummissjoni applikat ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw is-Sejħa għal proposti b'mod konsistenti u b'mod rigoruż u allokat appoġġ għal proġetti pprijoritizzati tajjeb.

L-eżistenza tar-riskji u n-nuqqasijiet fil-proposti tal-FE li tippromwovi soluzzjonijiet innovattivi għal servizzi ta' enerġija sostenibbli u affordabbli għall-fqar kienet tabilħaqq mistennija.

Dawn ir-riskji u d-dgħufijiet identifikati fil-proposti evalwati kienu kkunsidrati kif imiss mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni kompetenti fid-dawl tal-miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti proposti mill-applikanti kkonċernati, qabel l-aġġudikazzjoni tal-punteġġi finali li jstabbilixxu l-klassifikazzjoni ta' kull proposta b'mod koerenti u oġġettiv skont il-kriterji, l-oġġettivi u l-prijoritajiet stabbiliti fil-linji gwida tas-Sejħa.

¹ Ir-rapport tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija "Enerġija għal Kulħadd: il-finanzjament tal-aċċess għall-foqra" silta speċjali World Energy Outlook (Prospettiva Dinjija tal-Enerġija), IEA, 2011.

V

Il-Kummissjoni wettqet il-monitoraġġ tal-proġetti bl-użu tal-għodod u l-modalitajiet differenti li kienu disponibbli, inkluż l-istabbiliment ta' struttura permanenti ta' monitoraġġ.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni żgurat segwitu mill-qrib matul il-fażijiet l-aktar kritiċi tal-implimentazzjoni u ffaċilitat soluzzjonijiet u miżuri korrettivi, sa fejn kien possibbli, u skont ir-regoli u l-proċeduri prevalenti. F'xi każijiet speċifiċi, il-monitoraġġ f'dan il-qasam seta' ssaħħaħ.

VI

75 % tal-proġetti eżaminati mill-Qorti diġà tax ir-riżultati mistennija jew saħansitra aktar milli mistenni. Ċerti proġetti għandhom ma rendew il-maġġoranza tar-riżultati mistennija tagħhom prinċipalment minħabba problemi marbuta mal-kapaċità tal-benefiċjarji jew ċirkostanzi mhux favorevoli li kkontestaw it-tifsila tal-bidu tal-proġetti u xejnu kwanlunkwe sforz biex jitaffew r-riskji previsti.

Il-Kummissjoni tosserva li ma jistax jiġi eskluż ċertu livell ta' problema ta' kapaċità partikolarment meta minn naħa il-proġetti mmirati jkunu innovattivi u ambizzjużi, filwaqt li min-naħa l-oħra l-benefiċjarji jkunu foqra. F'dan il-kuntest, wieħed ma jistax jistenna proġetti perfetti bħala tali.

VII

Il-Kummissjoni hi sodisfatta bir-rakkomandazzjoni tal-Qorti. Diġà ħadet xi miżuri biex jissaħħaħ il-monitoraġġ u biex tiżdied is-sostenibbiltà tal-proġetti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza l-importanza tal-passi li ġejjin li diġà ttieħdu f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti:

- it-titjib introdott għall-aħħar Sejħa għal proposti taħt tal-FE kien immirat biex jassigura l-vijabilità tal-proġetti
- it-tiżiħ tal-funzjoni permanenti ta' monitoraġġ tal-FE

- L-innovazzjonijiet introdotti skont il-programm il-ġdid ta' kooperazzjoni dwar l-enerġija, partikolarment l-Inizjattiva tal-Finanzjament tal-Elettrifikazzjoni – ElectriFi, li kien elaborat flimkien mal-industrija u l-finanzjaturi tal-iżvilupp u għandu l-għan li jżid il-vijabbiltà, is-sostenibbiltà u l-effett ta' lieva tal-appoġġ tal-UE għal aċċess għal enerġija sostenibbli għall-foqra.

Introduzzjoni

04

Sa mill-2011, il-gwida ġenerali tal-politika tal-UE dwar l-enerġija fil-kuntest tal-iżvilupp kienet ipprovduta mid-direzzjonijiet inklużi fl-“Aġenda għall-Bidla” li tindika l-enerġija bħala mutur ewlieni għat-tkabbir inklużiv u sostenibbli.

05

Il-ħolqien tal-FE ppermetta lill-Kummissjoni biex għall-ewwel darba tindirizza b'mod sostanzjali l-kwistjoni tal-aċċess għall-enerġija fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha, fil-kuntest tal-ħtiġijiet enormi (USD 48 biljun kull sena skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija).

Osservazzjonijiet

Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa l-merti u n-nuqqasijiet ta' kull waħda mill-proposti għall-proġetti ppreżentati taħt il-FE u pprioritizzat l-appoġġ lill-aqwa nett fost dawk il-proposti, li jkunu qabżu bil-bosta l-istandards globali tal-kwalità stabbiliti f'kull linja gwida tas-Sejħa.

Minkejja l-fatt li dejjem ikun hemm ċerti riskji u nuqqasijiet, l-appoġġ għal proġetti innovattivi u ambizzjużi, magħżula skont ir-regoli u l-proċeduri rispettivi, għandu jiġi kkunsidrat mill-Kummissjoni għall-finijiet li jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali ta' kull Sejħa għal proposti.

Il-Kummissjoni għażlet il-proġetti għall-finanzjament abbażi ta' kriterji ta' evalwazzjoni ċari stabbiliti fil-linji gwida tas-Sejħa, inkluża r-rilevanza, il-kapaċità teknika u operattiva tal-applikant u tal-imsieħba, il-vijabilità, is-sostenibbiltà, il-kosteffettività u tikkunsidra jekk kinux proposti miżuri addattati biex jiġu imtoffija xi riskji jew nuqqasijiet inerenti fi proġetti kumplessi ta' żvilupp.

16

Fir-rigward ta' ħames proġetti msemmija mill-Qorti, il-kummenti u punteġġi ta' kull assessur huma kkunsidrati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni li, b'differenza għall-assessuri individwali, hu f'pożizzjoni unika li jkollu stampa sħiħa tal-proposti kollha preżentati taħt Sejħa u tal-merti rispettivi ta' kull waħda mill-proposti skont il-kriterji stabbiliti fil-linji gwida tas-Sejħa. Il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ il-proċeduri, il-verifiki u l-kontroverifiki meħtieġa biex ikun aċċertat li kull Kumitat ta' Evalwazzjoni japplika b'mod rigoruż ir-regoli li jirregolaw l-evalwazzjoni tas-Sejħa b'mod li tista' tiġi ggarantita l-integrità u l-koerenza ġenerali tal-proċess tal-evalwazzjoni, minkejja n-nuqqasijiet li jistgħu jseħħu minħabba valutazzjoni minn esperti individwali.

16 (a)

L-assessuri vvalutaw il-proposta kif riflessa fil-punteġġi u l-kummenti rispettivi tagħhom għal kull kriterju ta' evalwazzjoni stabbilit fil-linji gwida tas-Sejħa. Minkejja ċerti nuqqasijiet li nstabu, l-assessuri identifikaw ukoll vantaġġi ewlenin bħal: l-istimolu ta' attivitajiet tan-negozju, għarfien tajjeb tal-pajjiż, involviment tajjeb ħafna tas-settur privat, il-potenzjal għas-sostenibbiltà finanzjarja, u l-involviment tajjeb tal-komunità. Il-punteġġi mogħtija miż-żewġ assessuri juru li kwalunkwe problema ma tkunx meqjusa bħala raġuni biżżejjed għar-rifjut.

Fuq il-bażi tal-eżaminazzjoni tiegħu, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni aġġudika punteġġ finali li kkunsidra kemm il-punti pożittivi kif ukoll id-dgħufijiet tal-proposta rispettiva kif spjegat ukoll fit-tweġiba tal-Kummissjoni għal S16 hawn fuq.

16 (b)

Kif spjegat hawn fuq, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni, b'differenza għall-assessuri individwali, hu f'pożizzjoni unika li jkollu stampa sħiħa tal-proposti kollha preżentati taħt Sejħa kif ukoll tal-merti rispettivi ta' kull waħda mill-proposti skont il-kriterji stabbiliti fil-linji gwida tas-Sejħa.

Għall-erba' proġetti msemmija mill-Qorti, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni responsabbli kkonkluda t-tielet u l-aħħar valutazzjonijiet bil-kunsiderazzjoni li l-miżuri dovuti ta' mitigazzjoni għar-riskji u n-nuqqasijiet identifikati kienu eżistenti u aċċettabbli.

17

Il-proġetti msemmija mill-Qorti ma laħqux l-objettivi stabbiliti, prinċipalment minħabba fatturi esterni mhux favorevoli li ma setgħux jiġu kkontrollati (fost l-oħrajn il-kundizzjonijiet tas-suq, l-evoluzzjoni teknoloġika, il-kundizzjonijiet naturali, eċċ.).

18

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tat-titjib introdott wara sejħa għall-aħħar Sejħa għal proposti taħt il-FE II, li għaliha kien hemm ir-rekwiżit li wieħed jippreżenta studju ta' fattibilità flimkien mal-proposta.

Il-Kummissjoni wettqet il-monitoraġġ tal-proġetti bl-użu tal-għodod u l-modalitajiet differenti li kienu disponibbli, inkluż l-istabbiliment ta' struttura permanenti ta' monitoraġġ. F'xi każijiet speċifiċi, il-monitoraġġ f'dan il-qasam seta' ssaħħaħ.

Il-kwalità tar-rapporti tal-imsieħba ta' implimentazzjoni kienet irregolari peress li l-kwalità kienet tiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' rappurtar differenti tal-benefiċjarji.

22 (a)

Malli ġew identifikati xi problemi ta' kwalità ta' rappurtar, il-Kummissjoni ħadet passi biex tindirizza-hom inkluż billi pprovdiet lill-benefiċjarji b'mudelli ta' rapporti narrattivi interim u finali, kif ukoll rapporti finanzjarji. Tabilħaqq il-kapaċità li wieħed jipprovidi rapporti ta' kwalità tvarja minn benefiċjarju għall-ieħor u konsegwentement għall-FE II, mal-kuntratt tal-Għoti għandhom jiġi annessi mudelli aħjar ta' rapporti narrattivi u finanzjarji.

22 (b)

Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 22(a).

22 (c)

Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 22(a).

23

Il-Kummissjoni, kif imsiss, estendiet il-kuntratt mal-kumpanija ta' konsulenza sabiex tipprovidi servizzi ta' monitoraġġ xieraq tal-proġetti kontinwi tal-FE kif ukoll proġetti magħżula taħt l-aħħar żewġ Sejħiet tal-FE II għall-eletrifikazzjoni rurali u l-fraġilità.

24

Rieżami standardizzat minn entità unika kien utli biex jiġi armonizzat u mtejjeb sa ċertu punt ir-rappurtar tal-imsieħba ta' implimentazzjoni u l-kuntratt mal-kumpanija ta' konsulenza jista' jipprovidi riżorsi biex tiġi vverifikata fuq il-post l-informazzjoni pprovduta permezz ta' rapporti tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni ħadet il-passi meħtieġa u estendiet il-kuntratt mal-kumpanija ta' konsulenza b'mod li jipprovidi għal servizzi ta' monitoraġġ tal-proġetti permezz ta' missjonijiet fil-pajjiżi, kif meħtieġ.

Madankollu, fir-rigward tal-benefiċjarji tal-għotjiet tal-FE, il-poter biex wieħed jinforza r-rakkoman-dazzjonijiet jibqa' f'idejn id-Delegazzjonijiet tal-UE, skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet tal-għotja rispettivi, u ma jistax ikun esternalizzat f'idejn il-kumpanija ta' konsulenza.

25

Għal xi proġetti, ir-rieżami ta' nofs it-terminu ma twettaqx għaliex ma kinux implimentati biżżejjed attivitajiet.

Il-Kummissjoni għamlet użu mill-istrumenti disponibbli kollha għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti u ħadet miżuri xierqa fi ħdan il-limiti stabbiliti mir-regoli tal-kuntratt.

Fil-fatt, mhumiex possibbli modifiki radikali tal-attivitajiet tal-proġett skont ir-regoli tal-kuntratt li jistipulaw, fost l-oħrajn, li kull "emenda ma jistax ikollha l-iskop jew l-effett li tagħmel tibdiliet ta' dan il-Kuntratt li jixħtu dubju fuq id-deċiżjoni tal-aġġudikazzjoni tal-għotja jew li jkun kuntrarju għat-trattament ugwali tal-applikanti".

26

Ir-rakkomandazzjonijiet rispettivi biex tiżdied il-kwalità tar-rappurtar tal-proġetti kienu kkunsidrati meta tffasslu s-sejthiet tal-FE li sussegwenti.

27

Il-Kummissjoni (kif ukoll l-esperti tal-monitoraġġ fi ħdan l-ambitu tal-kuntratt tagħhom) talbu informazzjoni addizzjonali jew kjarifiki f'diversi okkażjonijiet u f'każijiet fejn dawn ma waslux, il-ħlasijiet ġew sospiżi skont regoli kuntrattwali.

Rigward il-possibbiltà tat-terminazzjoni tal-kuntratti, din hija azzjoni drastika li tista' twassal għal telf ta' investimenti importanti/sforzi li diġà saru u, meta tiġi kkunsidrat biss meta l-alternattivi possibbli l-oħra kollha jfallu, filwaqt li wieħed irid iżomm f'moħħu l-aqwa interessi tal-benefiċjarji finali u l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

28

Iż-żjarat fuq il-post regolari kull meta jkun possibbli, huma mod ewlieni biex wieħed jim-monitorja u jsegwi proġett. Id-delegazzjonijiet għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom diversi mezzi ta' monitoraġġ tal-proġetti, inkluż kontroll mill-bogħod ibbażat fuq rapporti, telekonferenzi, xogħol fl-uffiċċju, l-iskambji ma' benefiċjarji eċċ. Il-perjodiċità taż-żjarat fuq il-post tiddependi fost l-oħrajn fuq l-ammont ta' xogħol, il-lok tal-proġett u l-aċċessibbiltà, kwistjonijiet ta' sigurtà, ir-riżorsi disponibbli, eċċ. Ovvjament l-għażla bl-aktar mod xieraq biex jiġi sorveljat u segwit proġett f'kull okkażjoni u kif/jekk l-uffiċjali ta' ċerta Delegazzjoni tal-UE tkun se tagħmel żjarat regolari ta' proġett tal-FE jew le, tista' tittieħed biss mill-Kap tad-Delegazzjoni responsabbli, li jkollu l-istampa sħiħa tal-kompiti kollha li għandhom jiġu mwettqa mid-Delegazzjoni u dwar il-prijorità li għandha tingħata lil kull komputu, filwaqt li jikkunsidra s-sitwazzjoni tar-riżorsi umani u l-limiti varji.

29

Ir-ROM hija biss biss waħda mill-għodod disponibbli għall-monitoraġġ ta' proġett u l-Kummissjoni użatha b'mod sodisfaċenti flimkien mal-għodod ta' monitoraġġ l-oħra kollha, inkluża l-funzjoni permanenti ta' monitoraġġ tal-FE li kienet disponibbli taħt il-kuntratt tas-servizz mal-kumpanija tal-konsulenza.

29 (a)

Għalkemm il-proġett imsemmi mill-Qorti kien soġġett għar-ROM biss fl-2013, id-Delegazzjoni tal-UE fit-Tanżanija minn dejjem kienet konxja tas-sitwazzjoni tal-proġett bħala riżultat ta' skambji u korrispondenza regolari u kienet qed tiefhu azzjoni biex tikkoreġi s-sitwazzjoni. Pereżempju, minbarra r-rapporti interim kuntrattwalment dovuti, il-proġett ipproduċa "rapporti ta' sorveljanza interni" kull sitt xhur mill-2012 mill-imsieħba implimentattivi skont il-prattika introdotta mid-Delegazzjoni biex ittejjeb il-monitoraġġ. Id-delegazzjoni żammet kuntatt regolari mal-proġett u pprovdiet appoġġ biex ikunu ffaċilitati soluzzjonijiet.

29 (b)

Il-proġett ma kienx propost għall-inklużjoni fil-listi tar-ROM għall-2010 u l-2011 minħabba n-nuqqas ta' progress adegwat f'dak iż-żmien. Fl-2012, għalkemm inizjalment kien hemm proposta biex il-proġett jitpoġġa fuq il-lista ROM, ġie deċiż li ma jinżammx fuq il-lista għax kien għad mhemmx biżżejjed attivitajiet fuq il-post, u kien diġà ipprogrammat rieżami ta' nofs it-terminu għal kmieni fl-2012, wara l-estenzjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni b'24 xahar.

30

Kif ġie spjegat f'§27 hawn fuq, il-possibbiltà li kuntratt jiġi tterminat tiġi ikkunsidrata meta l-alternattivi possibbli l-oħra kollha jkunu falliew. Is-servizzi responsabbli mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni taż-żewġ proġetti msemmija mill-Qorti, kienu għadhom ma stabbilixxewx li dan kien il-każ u li dawk il-proġetti ma setgħux jiġu implimentati iżjed bi kwalunkwe mod ieħor possibbli.

30 (a)

Id-Delegazzjoni responsabbli mill-proġett, wara li kkunsidrat l-azzjonijiet possibbli ta' rimedju, iddeċidiet li jekk tnaqqas l-ambitu ġeografiku tal-proġett ma kinitx tkun l-aħjar għażla.

31

Id-Delegazzjoni fil-Możambik dejjem kienet konxja mid-diffikultajiet tal-proġett. Il-proġetti innovattivi f'oqsma li huma relattivament ġodda għall-kuntest lokali spiss jiffaċċjaw diffikultajiet fil-bidu. Madankollu, maż-żmien sar dejjem aktar ċar li l-oġettivi tal-programm ma kienux se jintlaħqu u meta dan seħħ, id-Delegazzjoni għamlet diversi tentattivi sabiex jinstabu soluzzjonijiet xierqa. Ġew diskussi għadd ta' proposti biex jiġu indirizzati l-problemi tal-proġett, iżda l-ebda waħda mis-soluzzjonijiet proposti ma tqieset bħala realistika, u l-proġett kellu jingħalaq. Id-delegazzjoni wettqet żjara fuq il-post (kemm f'operazzjonijiet u finanzi u kuntratti), f'April tal-2015, li warajha ġie miftiehem dan l-għeluq.

75 % tal-proġetti eżaminati mill-Qorti diġà taw ir-riżultati mistennija jew saħansitra aktar milli mistenni.

36

Erba' proġetti eżaminati mill-Qorti falliew milli jagħtu r-riżultati mistennija fil-maġġoranza tagħhom minħabba problemi ta' kapaċità tal-benefiċjarji u ċirkostanzi kuntrarji li kkontestaw it-tifsila tal-bidu tal-proġetti u xejnu kwanlunkwe sforz biex jittaffew r-riskji previsti.

Il-Kummissjoni tosserva li ma jistax jiġi eskluż ċertu livell ta' problema ta' kapaċità partikolarment meta minn naħa il-proġetti mmirati jkunu innovattivi u ambizzjużi, filwaqt li min-naħa l-oħra l-benefiċjarji jkunu foqra. F'dan il-kuntest, wieħed ma jistax jistenna proġetti perfetti bħala tali.

36 (c)

L-evalwazzjoni tal-proġett segwiet il-proċedura applikabbli li skontha il-parteciġazzjoni tag-settur privat kienet meqjusa bħala vantaġġ għas-sostenibilità tal-proġetti.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

41

Il-Kummissjoni hi sodisfatta bil-konklużjoni tal-Qorti. Il-ħolqien tal-FE ppermetta lill-Kummissjoni biex għall-ewwel darba tindirizza b'mod sostanzjali l-kwistjoni tal-aċċess għall-enerġija fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha, fil-kuntest tal-ħtiġijiet enormi (USD 48 biljun/sena) fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw². Il-Kummissjoni użat il-FE b'mod effettiv u kif juri r-rapport tal-Qorti, il-biċċa l-kbira tal-proġetti eżaminati r-nexxew u għandhom prospetti tajbin ta' sostenibbiltà. Din hi kisba eċċezzjonali meta wieħed jikkunsidra l-kuntest diffiċili li fih se tiġi implimentata l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Kien biss kwart tal-proġetti eżaminati li ma tax ir-riżultati mistennija. In parti dan kien dovut għal ċirkostanzi kuntrarji li kkontestaw it-tifsila tal-bidu tal-proġetti u xejnu kwanlunkwe sforz biex jitaffew r-riskji previsti. Il-Kummissjoni hija konxja wkoll li hemm lok għal xi titjib, speċjalment fir-rigward tal-monitoraġġ ta' proġetti f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni diġà ħadet xi miżuri u se ġġib aktar titjib kif rakkomandat mill-Qorti

42

Il-Kummissjoni applikat ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw is-Sejħa għal proposti b'mod konsistenti u b'mod rigoruż u allokat appoġġ għal proġetti pprijoritizzat tajjeb.

Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni kien konxju tar-riskji u d-dgħufijiet ta' kull proposta. Ir-riskji u nuqqasijiet tal-proposti kienu fil-fatt mistennija taħt il-FE li kellha l-għan, fost l-oħrajn, li tippromwovi l-innovazzjoni filwaqt li tiffaċċja l-isfidi biex tipprovdvi servizzi tal-enerġija sostenibbli u affordabbli għall-fqar.

2 Ir-rapport tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija "Enerġija għal Kulħadd: il-finanzjament tal-aċċess għall-foqra" silta speċjali World Energy Outlook (Prospettiva Dinjija tal-Enerġija), IEA, 2011.

Ir-riskji jew id-dgħufijiet identifikati fil-proposti evalwati kienu kkunsidrati kif imiss mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni kompetenti fid-dawl tal-miżuri ta' mitigazzjoni rilevanti proposti mill-applikanti kkonċernati, qabel l-aġġudikazzjoni tal-punteġġi finali li jstabbilixxu l-klassifikazzjoni ta' kull proposta b'mod koerenti u oġġettiv skont il-kriterji, l-oġġettivi u l-prijoritajiet stabbiliti fil-linji gwida tas-Sejħa.

Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u ħadet miżuri addattati:

- (i) bi qbil mal-mudell tal-PRAG 2014, il-valutazzjoni tat-tifsila tal-azzjoni għandha rwol importanti fl-evalwazzjoni tal-proposti. Minn 50 punt possibbli tan-nota tal-kunċett, 10 punti huma relatati mat-tifsila tal-azzjoni. Għalhekk, b'bosta mill-każijiet, nuqqasijiet sinifikanti fit-tifsila jwaslu għall-esklużjoni tal-proposta diġà fl-istadju tan-noti kunċettwali.
- (ii) il-kapaċità tal-applikanti biex jimplementaw l-azzjoni hija evalwata fl-istadju tal-applikazzjoni sħiħa. Dan l-aħħar, il-valutazzjoni tal-kapaċità operattiva ġiet estiża għal koapplikanti u l-entitajiet affiljati. Minħabba l-importanza ta' dan l-aspett il-Kummissjoni introduċiet limitu minimu fil-PRAG 2014 li jipprevedi li l-applikanti għandhom jiksbu mill-inqas 12 minn 20 punt possibbli biex kapaċità tkun kkunsidrata għall-aġġudikazzjoni ta' għotja.

43

Il-Kummissjoni wettqet il-monitoraġġ tal-proġetti bl-użu tal-għodod u l-modalitajiet differenti li kienu disponibbli, inkluż l-istabbiliment ta' struttura permanenti ta' monitoraġġ.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni żgurat segwitu mill-qrib matul il-fażijiet l-aktar kritiċi tal-implimentazzjoni u ffaċilitat soluzzjonijiet u miżuri korrettivi, sa fejn kien possibbli, u skont ir-regoli u l-proċeduri prevalenti. F'xi każijiet speċifiċi, il-monitoraġġ f'dan il-qasam seta' ssaħħaħ.

43 (a)

Il-Kummissjoni indirizzat in-nuqqasijiet tar-rappur-tar fuq bażi ta' kuntratt b'kuntratt u introduċiet ukoll titjib tal-mudelli għar-rapporti narrattivi interim u finali, kif ukoll għar-rapporti finanzjarji.

43 (b)

Il-Kummissjoni żgurat segwitu mill-qrib permezz ta' żjarat fuq il-post kif ukoll permezz ta' varjetà ta' mezz ta' proġetti ta' monitoraġġ inklużi kontrolli mill-bogħod ibbażati fuq rapporti, telekonferenzi, studji formali eċċ. Il-perjodiċità taż-żjarat fuq il-post tiddependi fuq l-ammont tax-xogħol, il-lok tal-proġett u l-aċċessibbiltà, il-kwistjonijiet tas-sigurtà, u r-riżorsi disponibbli. Id-deċiżjoni jekk issirx żjara regolari ta' proġett tal-FE jew le, tista' tittieħed biss mill-Kap tad-Delegazzjoni responsabbli, li jkollu l-istampa sħiħa tal-kompiti kollha li għandhom jiġu mwettqa mid-Delegazzjoni u dwar il-prijorità li għandha tingħata lil kull komputu, filwaqt li jikkunsidra s-sitwazzjoni tar-riżorsi umani u l-limiti varji.

Rigward ir-ROM, din hi biss waħda mill-għodod disponibbli biex wieħed jissorvelja proġett u għal dawk il-proġetti li mhumiex suġġetti għaż-żjarat tar-ROM, tpoġġew fis-seħħ mezz oħra ta' monitoraġġ.

43 (c)

Il-Kummissjoni minn dejjem ippruvat tappoġġja l-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġetti u biex tidentifika s-soluzzjonijiet (flimkien mal-benefiċjarji tal-kuntratt tal-għotja) sabiex tingħeleb kwalunkwe problema. F'dan ir-rigward it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-għotja ġiet kkunsidrata bħala l-aħħar għażla sabiex ma jiġux kompromessi l-investimenti/l-isforzi u l-benefiċċji eventwali lill-benefiċjarji finali tal-FE.

Rakkomandazzjoni 2 - Tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-punti (i) sa (v)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Hemm lok għal titjib f'termini ta' tisħiħ tal-monitoraġġ ta' proġetti. Dan diġà ġie indirizzat b'mod konsistenti mill-Kummissjoni u se jiġu kkunsidrati miżuri addizzjonali sabiex id-Delegazzjonijiet ikunu f'pożizzjoni li jsaħħu l-monitoraġġ tagħhom tal-proġetti, filwaqt li jitqiesu wkoll il-limitazzjonijiet finanzjarji u tar-riżorsi umani tagħhom.

44

Kien biss kwart tal-proġetti eżaminati li ma tax ir-riżultati mistennija, prinċipalment minħabba problemi marbuta mal-kapaċità tal-benefiċjarji jew ċirkustanzi mhux favorevoli li kkontestaw it-tifsila tal-bidu tal-proġetti u xejnu kwanlunkwe sforz biex jitaffew r-riskji previsti.

Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Valutazzjoni ta' kwalunkwe assistenza teknika kontinwa tal-ħtiġijiet tista' tkun utli biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' appoġġ possibbli wara li jiskadi l-finanzjament tal-FE. Taħt il-programm preżenti tal-FE, mhux se jkun possibbli li tiżdied l-allokkazzjoni ta' għotja oriġinali. Madankollu, il-Kummissjoni se teżamina kif dan jista' jiġi indirizzat sabiex jiġi kkonsolidat il-valur tal-investment li jkun sar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se teżamina kif tapplika r-rakkomandazzjoni taħt programmi ġodda u innovattivi bħall-Inizjattiva tal-Finanzjament tal-Elettrifikazzjoni - ElectriFi.

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Fl-2004, kważi żewġ biljun persuna ma kellhomx aċċess għal servizzi tal-enerġija adegwati, mhux għaljin u sostenibbli, li huma ta' qofol għal progress sod lejn l-oġettivi tal-iżvilupp. Il-Faċilità għall-Enerġija AKP-UE, li nħolqot f'Ġunju 2005, għandha l-għan li tippromwovi l-aċċess għal servizzi moderni tal-enerġija għall-foqra f'żoni rurali u periurbani, b'fokus qawwi fuq l-Afrika Sub-Saħarjana u l-enerġija rinnovabbli. F'dan ir-rapport, aħna nikkonkludu li, fil-biċċa l-kbira, il-Kummissjoni kellha suċċess iżda setgħet għamlet użu aħjar tal-Faċilità għall-Enerġija AKP-UE biex iżżid l-aċċess għal enerġija rinnovabbli għall-foqra fl-Afrika tal-Lvant. Aħna nagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet għall-għażla aktar rigoruża tal-proġetti, it-tiżni tal-monitoraġġ tagħhom u ż-żieda tal-prospetti tagħhom għas-sostenibbiltà.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet